# STATUT
## Partit Laburista

Mejju 2025

# STATUT
## Partit Laburista

# KONTENUT


**KAP I** 02

L-ISEM TAL-PARTIT 02

**KAP II** 03

L-GĦANIJIET U L-PRINĊIPJI 03

**KAP III** 04

IS-SĦUBIJA 04

**KAP IV** 06

IL-KOSTITUZZJONI TAL-PARTIT 06

**KAP V** 07

IL-KONFERENZA ĠENERALI 07

**KAP VI** 11

L-EŻEKUTTIV NAZZJONALI 11

**KAP VII** 18

IL-MEXXEJ U D-DEPUTATI MEXXEJJA 18

**KAP VIII** 20

IL-KUNGRESS TAL-PARTIT 20

**KAP IX** 21

L-AMMINISTRAZZJONI TAL-PARTIT 21

**KAP X** 24

IL-GRUPP PARLAMENTARI 24
- IL-PARLAMENT MALTI 24
- IL-MEMBRI PARLAMENTARI EWROPEJ 26

**KAP XI** 27

IS-SEZZJONIJIET TAL-PARTIT 27

**KAP XII** 31

L-ASSEMBLEA TAD-DELEGATI 31

**KAP XIII** 32

L-AMMINISTRAZZJONI DISTRETTWALI 32
IR-REĠJUN TA' GĦAWDEX 34

**KAP XIV** 38

IL-KUMITATI LOKALI 38

**KAP XV** 45

IL-FERGĦAT TAL-PARTIT 45
- IN-NISA LABURISTI 45
- IŻ-ŻGĦAŻAGĦ LABURISTI 45
- IL-VETERANI LABURISTI 45

**KAP XVI** 46

KUMMISSJONI ĦARSIEN TA'ETIKA U DIXXIPLINA 46

**KAP XVII** 49

KUMMISSJONI KANDIDATI 49
IL-KANDIDATI GĦALL-ELEZZJONI ĠENERALI 51
IL-MEMBRI TAL-PARLAMENT EWROPEW 52
IL-KUNSILLIERA LOKALI 53

**KAP XVIII** 54

L-GĦAQDIET AFFILJATI 54

**KAP XIX** 55

IR-RAPPREŻENTANTI TAL-PARTIT BARRA MINN MALTA 55

**KAP XX** 56

IR-REGOLAMENTI GĦAL WAQT IL-VOTAZZJONI 56

**KAP XXI** 65

IL-KODIĊI TA'ETIKA U DIXXIPLINA 65

**KAP XXII** 66

FORA 66

**KAP XXIII** 66

ĠENERALI 67

# KAP I

## L-ISEM TAL-PARTIT

1. L-isem uffiċjali ta'dan il-Partit politiku għandu jkun - Partit Laburista.

2. L-emblema tal-Partit tkun it-Torċa, fuq sfont tal-kuluri tal-Bandiera Maltija, bl-isem tal-Partit.

# KAP II

## L-GĦANIJIET U L-PRINĊIPJI

1. Il-Partit Laburista huwa organizzazzjoni politika li tiġbor fiha persuni bi ħsieb progressiv, imsejjes fuq prinċipji soċjalisti demokratiċi, li jaħdem għal soċjetà inklussiva li tipprovdi xogħol għal kulħadd, isseħħ il-ġustizzja soċjali u li s-saħħa tal-istess soċjetà titkejjel mill-progress ta' dawk l-iktar dgħajfa fost il-membri tagħha.

2. Il-Partit Laburista jemmen fir-rispett sħiħ tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem kif minquxa fil-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u li kull individwu u s-soċjetà jkollhom l-opportunitajiet indaqs u meħtieġa fl-oqsma tax-xogħol u tal- edukazzjoni biex jirnexxu u jagħmlu suċċess.

3. Il-Partit Laburista jemmen fil-ħtieġa ta' ekonomija b'saħħitha li ssostni l-istat soċjali, bl-għan li titwettaq il-ġustizzja soċjali.

4. Il-Partit Laburista jemmen f'Ewropa Soċjali.

5. Il-Partit Laburista jemmen li għandu jaħdem għall-paċi, stabbilità u kooperazzjoni fir-reġjun tal-Mediterran u jemmen fil-ħidma bejn il-popli, biex ikun hemm l-avvanz tal-popli kollha madwar id-dinja.

6. Il-Partit Laburista jemmen bi sħiħ fil-ħtieġa tal-ħarsien tal-ambjent, tal-kultura u tal-patrimonju nazzjonali bħala mezzi għal kwalità ta' ħajja aħjar u b'rispett sħiħ għad-drittijiet tal-ġenerazzjonijiet futuri.

7. Il-Partit Laburista jemmen f'demokrazija sħiħa u fit-tisħiħ tal-komunitajiet bħala mezz għall-progress fis-soċjetà.

# KAP III

## SĦUBIJA

1. Is-sħubija fil-Partit Laburista hija miftuħa għal kull persuna li għalqet l-età ta' erbatax-il sena(14), mingħajr id-distinzjoni ta' sess, orjentament sesswali , twemmin reliġjuż, jew razza, u li taċċetta l-għanijiet u l-prinċipji tiegħu. Persuna msieħba fil-Partit Laburista ma tistax tkun f'xi Partit, għaqda jew organizzazzjoni politika oħra, kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta, li tħaddan prinċipji differenti minn dawk tal-Partit Laburista.

2. Il-ħlas għas-sħubija fil-Partit ikun jgħodd ukoll għas-sħubija awtomatika fil-fergħa/fergħat relattiva/relattivi tal-Partit li jikkwalifika għaliha l-membru kkonċernat.

3. L-ammont tal-ħlas tas-sħubija jiġi deċiż minn żmien għal żmien mill-Eżekuttiv Nazzjonali.

4. L-Eżekuttiv Nazzjonali jista'jniedi skemi ta'sħubija.

5. Is-sħubija fil-Partit Laburista tinħadem fuq bażi ta' sena finanzjarja li tibda mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru tal-istess sena.

6. Applikazzjoni għas-sħubija fil-Partit għandha ssir fuq formola preskritta mill-Partit.

7. L-applikazzjoni preskritta mill-Partit, għandha tkun fiha nnifisha dikjarazzjoni li l-applikant iħaddan it-twemmin tal-Partit Laburista kif imfisser f'Artiklu 1 ta' dan il-Kap.

8. Kull applikazzjoni tista' tiġi aċċettata jew miċħuda mill-Amministrazzjoni tal-Partit jew minn kummissjoni maħtura mill-Amministrazzjoni. L-Amministrazzjoni għandha tagħmel dak l-istħarriġ meħtieġ biex tara jekk l-applikazzjoni għandhiex tiġi aċċettata jew irrifjutata.

9. Kull membru mħallas tal-Partit għandu d-dritt jikkontesta għal kull kariga fil-Partit u jeżerċita kull dritt li jagħtih dan l-Istatut suġġett għal dak kollu provdut fih.

10. Kull membru tal-Partit huwa suġġett għall-Kodiċi ta' Etika li jkun fis-seħħ minn żmien għal żmien.

11. Kull membru li jagħlaq l-erbatax-il sena, iżda ma jkollux aktar minn ħamsa u tletin sena, ikun membru taż-Żgħażagħ Laburisti.

# KAP III
*ikompli*

12. Kull membru tas-sess femminili, irrispettivament mill-età, tkun membru tan-Nisa Laburisti.

13. Kull membru li jagħlaq sittin sena, ikun membru fil-Veterani Laburisti.

14. Membru bi sħubija regolari fil-ħlas jista' jirriżenja minn membru tal-Partit Laburista billi jibgħat korrispondenza bil-miktub b'tali riżenja lis-Segretarju tal-Eżekuttiv tal-Partit Laburista.

15. Membru tal-Partit jista'jiddeċiedi li ma jġeddidx is-sħubija billi ma jħallasx il-miżata. Membru li ma jġeddidx is-sħubija billi ma jħallasx il-miżata ma jibqax meqjus bħala membru tal-Partit.

16. Membri tal-Partit ma jistgħux iħallsu aktar minn sentejn pendenzi fis-sħubija taghhom minn meta jkunu saru membru 'l quddiem.

# KAP IV

## IL-KOSTITUZZJONI TAL-PARTIT

1. Il-Partit ikun magħmul hekk:

   I. Il-Konferenza Ġenerali;
   II. L-Eżekuttiv Nazzjonali;
   III. Mexxej u Deputati Mexxejja;
   IV. Kungress tal-Partit;
   V. Amministrazzjoni tal-Partit;
   VI. Grupp Parlamentari;
   VII. Sezzjonijiet tal-Partit;
   VIII. Amministrazzjoni Distrettwali u Amministrazzjoni Reġjonali;
   IX. Kumitati Lokali;
   X. Fergħa;
   XI. Fora.

# KAP V

## IL-KONFERENZA ĠENERALI

1. Il-Konferenza Ġenerali hija l-ogħla organu tal-Partit. Għandha tiltaqa' minn tal-inqas darba fis-sena sa mhux aktar tard mill-aħħar ta' Ġunju.

2. Il-Konferenza Ġenerali għandha tiltaqa' wkoll:

2.1. Fuq sejħa tal-Eżekuttiv Nazzjonali għal raġunijiet partikolari; jew

2.2. Meta jkun hemm talba bil-miktub ta' 30% + 1 tad-Delegati li titressaq lill-President tal-Partit; jew

2.3. Fuq talba tal-Mexxej tal-Partit; jew

2.4. Qabel kull Elezzjoni Ġenerali biex jiġi approvat il-progamm elettorali; jew

2.5. Għal kull għan ieħor li jipprovdi dan l-Istatut.

2.6. Meta Konferenza Ġenerali tintalab b'petizzjoni kif provdut fl-Artiklu 2.2 ta' dan il-Kap, din għandha titlaqqa', għall-iskop indikat fil-petizzjoni, mhux aktar tard minn sittin (60) ġurnata mid-data li fih il-President tal-Partit jirċievi l-petizzjoni.

3. Il-kworum tal-Konferenza Ġenerali għandu jkun ta'30% + 1 min-numru tad-Delegati kollha tal-Konferenza.

3.1. Jekk il-kworum ma jintlaħaqx sa nofsiegħa wara l-ħin stabbilit, iċ-Chairperson għandu jiddikjara l-Laqgħa Ġenerali sospiza sa avviż ieħor, li jrid jiġi ppubblikat mill-anqas jumejn qabel id-data tat-tieni laqgħa.

# KAP V

*ikompli*

F'każ illi kworum ma jintlaħaqx fl-ewwel seduta, għandha ssir it-tieni laqgħa bl-istess Aġenda, fiżmien ġimgħa mill-ewwel laqgħa. F'dan il-każ, il-Konferenza Ġenerali titqies li tlaqqa' validament u tipproċedi bix-xogħol tagħha jkunu xi jkunu n-numru tad-Delegati preżenti.

4. Il-Konferenza Ġenerali tkun magħmula mid-Delegati maħtura kif ġej:

4.1. Il-Mexxej, id-Deputati Mexxejja, l-Uffiċjali fl-Amministrazzjoni tal-Partit, l-Uffiċjali tal-Eżekuttiv u l-membri ordinarji fl-Eżekuttiv Nazzjonali;

4.2. Id-Delegati lokali jkunu maħtura mill-membri tal-Partit f'dak il-lokal u dan skont l-iskeda illi tidher hawn taħt:

| **MEMBRI** | | **DELEGATI** |
|---|---|---|
| Minn | Sa | |
| 0 | 24 | 0 |
| 25 | 50 | 3 |
| 51 | 150 | 3 |
| 151 | 250 | 1 |
| 251 | 350 | 1 |
| 351 | 500 | 1 |
| 501 | 650 | 1 |
| 651 | 800 | 1 |
| 801 | 950 | 1 |
| 951 | 1100 | 1 |
| 1101 | 1250 | 1 |
| 1251 | 1400 | 1 |
| 1401 | 1550 | 1 |
| 1551 | 1700 | 1 |
| 1701 | 1850 | 1 |
| 1851 | 2000 | 1 |
| 2001 | 'il fuq | 1 |

# KAP V

*ikompli*

4.3. Delegati Distrettwali:

It-tliet uffiċjali (3) fl-Amministrazzjoni Distrettwali kif definiti f'KAP XIII Artiklu 1, u d-disgħa u tletin (39) Delegat għall-Konferenza. Dawn għandhom jiġu nnominati mill-Kumitati tal-Amministrazzjoni Distrettwali, suġġett għall-approvazzjoni tal-Eżekuttiv Nazzjonali, u għandhom ikunu persuni li ma kienux Delegati tal-Konferenza fit-tliet snin preċedenti. Dawn jiġu kkonfermati waqt il-Laqgħa Ġenerali Annwali tad-Distrett.

4.4. Delegati Reġjonali:

Il-ħames (5) uffiċjali tal-Amministrazzjoni Reġjonali għal Għawdex.

4.5. Is-Sezzjonijiet tal-Partit:

1. Sezzjoni Kunsilliera:
   Delegat wieħed għal kull Kunsill Lokali u għal kull membru fl-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali eletti f'isem il-Partit.

2. Sezzjoni Kandidati:
   Ħmistax-il (15) delegat li jieħdu sehem f'kull Konferenza Ġenerali u li dawn biss ikollhom dritt għall-vot.

4.6. Grupp Parlamentari:
Il-membri kollha tal-Grupp Parlamentari, inkluż il-Membri Parlamentari Ewropej.

4.7. Fergħat:
Ħmistax-il (15) delegat għal kull fergħa li jattendu u jieħdu sehem f'kull Konferenza Ġenerali u li dawn biss ikollhom dritt għall-vot.

4.8. iDEAT:
Tnejn u għoxrin (22) Delegat.

4.9. Rappreżentanti tal-Partit barra minn Malta:
Delegat (1) għal kull Kumitat tal-Partit barra minn Malta rikonoxxut mill-Eżekuttiv Nazzjonali u liema Delegat irid ikun elett mill-Kumitat innifsu.

4.10. Għaqdiet Affiljati:
Mhux aktar minn tliet (3) Delegati għal kull waħda minn dawk l-għaqdiet li l-Eżekuttiv Nazzjonali jagħżilhom bħala għaqdiet affiljati skont KAPXVIII.

4.11. Delegati Onorarji:l-Konferenza Ġenerali, b'riżoluzzjoni speċjali, tista'għar-raġunijiet eċċezzjonali tiddikjara Delegati preżenti jew passati bħala Delegati onorarji.

4.12. Kull kandidat nominat mill-Eżekuttiv Nazzjonali jitqies bħala Delegat f'kull Konferenza Ġenerali għall-approvazzjoni tal-Programm Elettorali għall-Elezzjoni Ġenerali.

4.13. Kull membru iehor li għandu jitqies bħala delegat kif speċifikament ipprovdutf'dan l-istatut.

# KAP V
*ikompli*

5 Il-Konferenza Ġenerali titmexxa mill-President tal-Partit, li għall-finijiet tal-Konferenza jissejjaħ Chairperson, iżda fil-każ ta' elezzjoni għall-ħatra tal-President tal-Partit, jew jekk ikun deċiż mod ieħor mill-Eżekuttiv Nazzjonali, jinħatar Chairperson ad hoc mill-Konferenza, biex imexxi l-Konferenza.

5.1 Iċ-Chairperson ma jistax jivvota fuq ebda mozzjoni, iżda jkollu casting vote. Iċ-Chairperson ikollu vot fil-każ ta' elezzjonijiet għall-ħatriet biss.

6 Fil-Konferenza Ġenerali Annwali jinħatru:-

6.1 Kull sena membri ordinarji għall-Eżekuttiv Nazzjonali;

6.2 Kull sentejn taħtar President, Viċi President, Segretarju Internazzjonali u Segretarju Organizzattiv.

6.3 Kull sena kumpanija tal-Awdituri biex isservi ta' awditur tal-finanzi tal-Partit.

6.4 Wara kull Elezzjoni Ġenerali, fi żmien sitt xhur, sakemm il-Konferenza Annwali ma tissejjaħx qabel, għandha tissejjaħ Konferenza Ġenerali biex taħtar l-uffiċjali tal-Amministrazzjoni hawn fuq imsemmija, kif ukoll il-Membri Ordinarji tal-Eżekuttiv Nazzjonali.

7 Il-President, is-Segretarju Internazzjonali, is-Segretarju Organizzattiv, is-Segretarju tal-Grupp Parlamentari, il-Kap tad-delegazzjoni tal-Partit Laburista fil-Parlament Ewropew, il-President tas-Sezzjoni Kunsilliera, il-President tas-Sezzjoni Kandidati, u ċ-Chairperson ta' iDEAT għandhom iressqu rapport ta' ħidma kull sena lill-Konferenza Ġenerali.

8 F'kull Konferenza Ġenerali, wara li jitressqu r-rapporti tal-ħidma, kull Delegat jista' jitlob spjegazzjoni ta' aġir minn kull membru tal-Partit li jokkupa kariga politika pubblika, jew li jokkupa kariga fl-istruttura tal-Partit sakemm jindika t-talba għal spjegazzjoni lill-Eżekuttiv Nazzjonali minn qabel.

9 Il-Partit għandu jieħu kull miżura biex jilħaq il-mira li kull sess ikollu erbgħin fil-mija (40%) rappreżentanza fil-Konferenza Ġenerali u dan skont ir-regolamenti dwar l-elezzjonijiet.

10 L-Istatut tal-Partit għandu jiġi emendat b'mozzjoni ta' emenda li tiġi approvata minn ħamsin fil-mija u wieħed (50%) + 1 tal-voti validi.

# KAP VI

## L-EŻEKUTTIV NAZZJONALI

1. L-Eżekuttiv Nazzjonali jkun magħmul minn kif ġej:

   I. Il-Mexxej
   II. Id-Deputati Mexxejja;
   III. L-Amministrazzjoni tal-Partit;
   IV. L-Uffiċjali tal-Eżekuttiv;
   V. Il-Kordinaturi Distrettwali u l-Kordinatur Reġjonali;
   VI. Sitt (6) membri mill-Grupp Parlamentari, minbarra s-Segretarju tal-Grupp Parlamentari;
   VII. Iċ-Chairperson tal-Kummissjoni Elettorali;
   VIII. Żewġ (2) membri minn kull sezzjoni;
   IX. Żewġ (2) membri minn kull fergħa;
   X. Żewġ (2) membri minn IDEAT;
   XI. Tnax-il (12) membru ordinarju elett direttament mill-Konferenza Ġenerali li tal-inqas erbgħa (4) minnhom ikunu nisa u tnejn (2) ikunu żgħażagħ.

2. L-Eżekuttiv Nazzjonali jkun responsabbli:

   a) mit-tmexxija tal-Partit bejn Konferenza Ġenerali u oħra;
   b) mit-tfassil ta' strateġija għall-Partit, kollu kemm hu;
   c) li jiżviluppa u jmantni Partit attiv f'Malta;
   d) flimkien mad-Deputati tal-Partit Laburista, marr-rappreżentanti tal-Partit Laburista fil-Parlament Ewropew u mal-Kunsilliera Lokali biex jassigura l-implimentazzjoni tal-għanijiet u l-prinċipji tal-Partit.

# KAP VI
*ikompli*

3. L-Eżekuttiv Nazzjonali fost l-oħrajn għandu dawn id-dmirijiet:

3.1 Jieħu inizjattivi b'mod attiv fl-iżvilupp tal-politika tal-Partit;

3.2 Jieħu kull deċiżjoni meħtieġa fit-tmexxija u għad-direzzjoni Ġenerali tal-Partit;

3.3 Jieħu kull pass għat-twettiq tal-politika Ġenerali tal-Partit;

3.4 Ifassal u jwettaq ħidma għas-sostenn tal-appoġġ popolari għall-Partit;

3.5 Iseddaq kooperazzjoni u djalogu attiv bejn l-organi kollha fil-Partit;

3.6 Jassigura koordinazzjoni fil-ħidma tal-Partit u sostenn finanzjarju adegwat;

3.7 Jiltaqa' darba fis-sena mal-awdituri maħtura mill-Konferenza Ġenerali;

3.8 Jipprovdi regolamenti għat-tħaddim aħjar tal-istrutturi tal-Partit;

3.9 Jieħu l-passi kollha biex il-Partit ikun rappreżentat bl-aħjar kandidati fl-Elezzjonijiet Ġenerali, fl-Elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew u fl-Elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali;

3.10 Ifassal il-programmi elettorali għall-elezzjonijiet kollha li jikkontesta l-Partit u japprova l-programm elettorali għall-Elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali kif ukoll dawk tal-Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew;

3.11 Jiffissa l-proċedura tad-diskussjoni matul il-Kungress;

3.12 Flimkien mal-Amministrazzjoni huwa responsabbli mill-implimentazzjoni tal-Kodiċi ta' Etika u Dixxiplina.

# KAP VI
*ikompli*

4. L-Eżekuttiv Nazzjonali għandu jagħmel l-Aġenda għal-laqgħat tal-Konferenza Ġenerali u tal-Kungress tal-Partit, ħlief fil-każ meta l-Konferenza Ġenerali tissejjaħ wara petizzjoni mid-Delegati jew tissejjaħ mill-Mexxej.

4.1 Fit-tħejjija tal-Aġenda, l-Eżekuttiv għandu jiddiskuti l-mozzjonijiet li jistgħu jitressqu għad-diskussjoni fil-Konferenza Ġenerali, inkluż mal-proponent u s-sekondant.

5. L-Eżekuttiv Nazzjonali jista'jissospendi minn kull kariga kull membru tal-Eżekuttiv Nazzjonali f'każ ta' ksur tal-Kodiċi tal-Etika.

6. Membri tal-Grupp Parlamentari għandhom id-dritt li jattendu għal-laqgħat tal-Eżekuttiv u jistgħu jipparteċipaw fid-diskussjonijiet iżda mingħajr id-dritt tal-vot, sakemm ma tkunx laqgħa tal- Eżekuttiv u tal-Grupp Parlamentari konġunti.

7. Il-kworum tal-Eżekuttiv Nazzjonali għandu jkun ta' tletin fil-mija u wieħed (30% + 1). Jekk sa nofsiegħa wara l-ħin mgħarraf ma jkunx hemm Kworum, il-laqgħa ssir bin-numru ta' membri preżenti jekk il-President, jew fl-assenza tiegħu l-Viċi President, ikun tal-fehma li għandha ssir.

8. Membru li jonqos għal tliet (3) seduti konsekuttivi mingħajr ġustifikażżjoni jitlef postu mill-Eżekuttiv Nazzjonali.

9. L-Aġenda għal-laqgħat tal-Eżekuttiv Nazzjonali ssir mis-Segretarju tal-Eżekuttiv Nazzjonali, bi ftehim mal-Mexxej jew mal-President. L-Aġenda għandha tiġi mqassma lill-membri mill-inqas tmienja u erbgħin siegħa (48) qabel il-laqgħa. B'danakollu, laqgħat b'urġenza jistgħu jissejħu mingħajr ma jkun hemm dan l-avviż, meta dawn jiġu msejħa mill-Mexxej u/jew mill-President.

10. Għandha tissejjaħ laqgħa tal-Eżekuttiv Nazzjonali fuq talba tal-Mexxej, tal-President jew ta' ħames (5) Membri tal-Grupp Parlamentari fiċ-ċirkostanzi msemmija fl-Artiklu 10 u 12 ta' Kap X jew b'talba ta' tletin fil-mija (30%) tal-membri tal-Eżekuttiv li jressqu talba lill-President tal-Partit.

11. L-Eżekuttiv Nazzjonali għandu jiltaqa' mill-inqas tnax-il darba fis-sena, imma m'għandux ikun hemm perjodu ta' sitt ġimgħat bejn laqgħa u oħra.

12. Il-Mexxej waħdu, wara li jinforma lill-President, jista' jsejjaħ laqgħa tal-Eżekuttiv Nazzjonali mal-Grupp Parlamentari.

# KAP VI
*ikompli*

13. L-ewwel laqgħa tal-Eżekuttiv Nazzjonali wara l-elezzjoni Ġenerali għandha titlaqqa' konġuntivament mal-Grupp Parlamentari.

14. L-Eżekuttiv Nazzjonali, flimkien mal-Grupp Parlamentari, jiddeċiedi permezz ta' vot sigriet dwar liema distrett għandu jiġi vakanti f'każ li membru Parlamentari jkun elett minn żewġ distretti.

15. Kull sentejn, l-Eżekuttiv Nazzjonali, wara l-Konferenza Ġenerali, għandu jitlaqqa' biex, fost ħwejjeġ oħra, jaħtar Segretarju tal-Eżekuttiv Nazzjonali. L-elezzjoni ssir permezz ta' vot sigriet li jittieħed mill-membri tal-Eżekuttiv Nazzjonali preżenti għal din il-laqgħa. Membri tal-Grupp Parlamentari ma jistgħux jiġu kkunsidrati għal din il-kariga.

    Is-Segretarju tal-Eżekuttiv Nazzjonali jwettaq dawn il-funzjonijiet:

    I. ikun is-Segretarju tal-Konferenza Ġenerali, tal-Eżekuttiv Nazzjonali, tal-Amministrazzjoni u jkun responsabbli għall-minuti u l-korrispondenza tagħhom;
    II. jassisti fl-organizzazzjoni tal-Konferenza Ġenerali u tal-Kungress Nazzjonali;
    III jassisti lill-Mexxej, Deputati Mexxejja u President tal-Partit kif ikun minnhom mitlub;
    IV iwettaq kull ħidma oħra li tista' tiġi mitluba lilu mill-Amministrazzjoni jew mill-Eżekuttiv Nazzjonali.

16. L-Eżekuttiv Nazzjonali għandu jaħtar Chairperson għal iDEAT għal perjodu ta' sentejn li jkun responsabbli mit-tmexxija ta' iDEAT u li jkollu d-dmir li jħejji rapport dwar il-ħidma ta' iDEAT lill-Konferenza Ġenerali Annwali. Huwa jkun membru fl-Amministrazzjoni tal-Partit. Il-ħatra ssir fl-ewwel laqgħa wara l-Konferenza Ġenerali Annwali f'għeluq is-sentejn mill-ħatra taċ-Chairperson ta' iDEAT. Membri tal-Grupp Parlamentari u tal-Forum Kandidati ma jistgħux jiġu nominati għal din il-kariga.

17. L-Eżekuttiv Nazzjonali għandu jassigura li l-Partit ikollu Uffiċju Elettorali kif meħtieġ biex jipparteċipa fil-proċess elettorali xċgħal kull elezzjoni fil-pajjiż, u l-ħarsien minn naħa tal-Partit dwar dak kollu marbut mall-Kummissjoni Elettorali tal-pajjiż.

# KAP VI
*ikompli*

18. L-Eżekuttiv Nazzjonali, permezz ta' nomina mill-Amministrazzjoni, jista' minn żmien għall-żmien jaħtar Delegati Speċjali minn fost il-membri tal-Partit biex jaqdu rwol partikolari għal perjodu ta' sentejn, bill-possibilitàli din il-ħatra tiġġedded. Delegat Speċjali jista' jiġi mistieden biex jattendi għall-laqgħat tal-Eżekuttiv Nazzjonali skont il-ħtiega u bi qbil fl-istess Eżekuttiv Nazzjonali, iżda ma jkollux id-dritt għall-vot. F'kwalunkwe perjodu ma jistax ikun hemm aktar minn żewġ (2) Delegati Speċjali.

19. L-Eżekuttiv Nazzjonali wara kull Elezzjoni Ġenerali, kull sentejn jaħtar dawn l-Uffiċjali tal-Eżekuttiv Nazzjonali minn fost il-membri tal-Partit, jew skont kif ipprovdut mod ieħor minn dan l-Artikolu, u liema uffiċjali jiġu nominati mill-Amministrazzjoni tal-Partit.

I. Kap tal-Uffiċċju Elettorali - li jkun responsabbli għall-ħidma tal-Ufficju Elettorali. Membri tal-Grupp Parlamentari, Sezzjoni Kunsilliera u Sezzjoni Kandidati ma jistgħux jokkupaw din il-kariga.

Il-Kap tal-Uffiċċju Elettorali maħtur ikun :
- Membru tal-Eżekuttiv Nazzjonali;
- Responsabbli mit-tmexxija tal-Uffiċċju Elettorali tal-Partit;
- Delegat f'isem il-Partit fuq il-Kummissjoni Elettorali tal-Pajjiż.

Il-Kap tal-Uffiċċju Elettorali għandu:
- Jirrapporta kif meħtieg dwar ħidmietu, lill-Amministrazzjoni tal-Partit u l-Eżekuttiv Nazzjonali, u jħejji rapport lill-Konferenza Ġenerali tal-Partit dwar l-istess ħidma tiegħu.
- Jirrakomanda lill-Eżekuttiv Nazzjonali membru minn kull lokal sabiex l-Eżekuttiv Nazzjonali jkun jista' jinnomina lil dik il-persuna lil-Laqgħa Ġenerali tal-kumitat lokali bħala Uffiċċjal Elettorali, u li xogħol dik il-persuna jkun hekk kif stipulat taħt il-KAP dwar il-Kumitati Lokali f` dan l-Istatut.

II. Amministratur Finanzjarju - li jkun responsabbli mit-tmexxija tal-finanzi tal-Partit. Il-ħidma tiegħu għandha tiġi kkordinata flimkien mall-Kap Eżekuttiv tal-Partit. L-Amministratur Finanzjarju, fost l-oħrajn għandu jara li jkun hemm u li jinżammul-proċeduri adegwati li jassiguraw governanza xierqa u tajba tal-finanzi tal-Partit, u skont il-liġi. Membri tal-Grupp Parlamentari, Sezzjoni Kunsilliera u Sezzjoni Kandidati ma jistgħux jokkupaw din il-kariga.

III. Uffiċjal Kordinament Kumitati – li għandu jwettaq ix-xogħol kollu meħtieġ biex il-ħidma tal-Kumitati Lokali tkun kordinata

fil-qafas tal-ħidma ppjanata mill-Partit, jassisti lill-kumitati jwettqu l-ħidma minnhom mitluba, jara li l-kumitati jilħqu l-miri imfassla u jaħdem id f'id mal-Kummissjoni Elettorali fil-proċessi ta' ħatriet fil-Kumitati Lokali u l-Kumitati ta' Amministrazzjoni Distrettwali mmexxija mill-istess Kummissjoni. Dan l-uffiċjal iwettaq il-ħidma tiegħu b'koordinazzjoni mal-President tal-Partit u d-Deputat Mexxej għall-Affarijiet tal-Partit.

IV. Uffiċjal Opportunitajiet Indaqs - li jkun responsabbli minn inizjattivi li għandhom jiġu indirizzati u l-implimentazzjoni ta' strateġiji li jinkoraġixxu opportunitajiet indaqs bl-għan li jkun hemm bilanċ bejn is-sessi u aċċessibilità xierqa għal kull persuna mingħajr diskriminazzjoni ta' kwalunkwè xorta fl-istrutturi u l-ħidma kollha tal-Partit.

20. Fl-ewwel laqgħa tal-Eżekuttiv Nazzjonali, wara l-ħatra tal-uffiċjali tal-Amministrazzjoni u l-Uffiċjali maħtura mill-Eżekuttiv Nazzjonali, is-Segretarju Internazzjonali u s-Segretarju Organizzattiv għandhom jaħtru l-assistenti tagħhom. Fuq proposta tal-istess uffiċjali, l-assistenti għandhom ikunu minn fost il-membri tal-Partit.

21. Wara Elezzjoni Ġenerali, l-uffiċjali maħtura mill-Eżekuttiv Nazzjonali għandhom jiġu maħtura fl-ewwel laqgħa wara l-Konferenza Ġenerali msejħa biex taħtar l-Uffiċjali tal-Amministrazzjoni.

22. L-Uffiċjali tal-Eżekuttiv Nazzjonali għandhom ikunu membri tal-Partit.

23. L-Eżekuttiv Nazzjonali għandu jagħżel iċ-Chairperson u d-Diretturi tal-kumpaniji tal-Partit.

24. L-Eżekuttiv Nazzjonali għandu jaħtar Kummissjoni Propjetà tal-Partit li tikkonsisti mid-Deputat Mexxej għall-Affarijiet tal-Partit, il-President

# KAP VI
*ikompli*

tal-Partit, il-Viċi President, is-Segretarju tal-Eżekuttiv Nazzjonali, il-Kap Eżekuttiv, l-Uffiċjali Organizzattiv u l-Amministratur Finanzjarju, li lkoll ikunu membri tal-Kummissjoni ex ufficio, u tlett (3) membri oħra li jinħatru mill-Eżekuttiv Nazzjonali kull sentejn, li flimkien mal-Kumitati Lokali jirrakkomandaw lill-Amministrazzjoni tal-Partit l-aħjar użu tal-propjetà tal-Partit sabiex tissaħħaħ is-sostennibilitàfinanzjarja tal-Partit billi:

- primarjament u qabel kollox jassiguraw li l-fondi iġġenerati skont din il-klawsola, filwaqt li jibqgħu amministrati mill-Kumitati Lokali rispettivi, dawk il-fondi jigu investiti sabiex il-Partit ikollu ċentri madwar Malta u Għawdex li jkunu propjetà assoluta tiegħu, u li t-tali ċentri jilħqu l-aspirazzjonijiet tal-Partit;
- kif ukoll sabiex jiġu investiti biex jgħinu l-Kumitati Lokali li ma jkollhomx fondi sabiex jimmeljoraw u/jew jitrassformaw iċ-ċentri rispettivi tagħhom skond l-esigenzi u s-sostenibilitàfinanzjarja tal-Partit.

Kull tip ta' żvillup li jsir fil-propjetajiet tal-Partit, inkluż iċ-ċentri lokali fil-komunità, skont dan l-artikolu, irid ikun approvat mill-Kummissjoni Propjetà b'dana li d-deċiżjoni finali tkun tal-Amministrazzjoni u fejn meħtieg mill-Eżekuttiv Nazzjonali, u tkun ikkomunikata bil-miktub. Kull żvillup għandu jsir skont il-liġi u l-proċeduri rispettivi.

Il-Kummissjoni għandha kull sitt xhur tippreżenta rapport dwar il-ħidma tagħha lill-Amministrazzjoni u l-Eżekuttiv Nazzjonali.

# KAP VII

## IL-MEXXEJ U D-DEPUTATI MEXXEJJA

1. Il-Partit Laburista għandu jaħtar Mexxej, Deputat Mexxej għall-Affarijiet tal-Parlament u Deputat Mexxej għall-Affarijiet tal-Partit.

2. Il-Mexxej huwa l-Kap tal-Partit kif ukoll iċ-Chairperson tal-Grupp Parlamentari.

3. Il-Mexxej tal-Partit iservi bħala Prim Ministru meta l-Partit qed imexxi l-Gvern u Kap tal-Oppożizzjoni meta l-Partit ikun fl-Oppożizzjoni.

4. Il-Mexxej tal-Partit jagħti d-direzzjoni Ġenerali u politika lill-organi kollha tal-Partit. Hu responsabbli għad-direzzjoni tal-Grupp Parlamentari fil-ħidma tiegħu fil-Parlament.

5. Id-Deputat Mexxej għall-Affarijiet tal-Parlament iservi ta' Deputat Prim Ministru meta l-Partit ikun fil-Gvern u Deputat Kap tal-Oppożizzjoni meta l-Partit ikun fl-Oppożizzjoni. Huwa jieħu l-kariga u jkun responsabbli mill-istess xogħol u responsabbilitajiet ta' Mexxej meta dan ikun assenti minn Malta jew ma jkunx f'pożizzjoni li jaqdi l-funzjonijiet tal-kariga tiegħu.

5.1 Id-Deputat Mexxej għall-Affarijiet tal-Parlament huwa responsabbli mill-ħidma tal-Partit fil-Parlament.

6. Id-Deputat Mexxej għall-Affarijiet tal-Partit fost oħrajn:

   i) imexxi u jikkordina l-ħidma tal-Amministrazzjoni u l-Fergħat tal-Partit, tal-Kumitati Lokali u l-Amministrazzjonijiet Distrettwali;
   ii) iżomm kuntatt kontinwu mal-Kumitati Lokali kollha u oqsma oħra tal-Partit bl-għan li jgħinhom kemm jista' fil-problemi li jinqalgħu u jara li l-ilmenti tagħhom jiġu riżolti fi żmien qasir;
   iii) jikkordina l-ħidma tas-Sezzjonijiet tal-Partit.

7. Kull membru tal-Partit hu eleġibbli biex jikkontesta għall-kariga ta' Mexxej.

8. Il-Membri Parlamentari biss huma eleġibbli biex jikkontestaw għall-kariga ta' Deputat Mexxej għall-Affarijiet tal-Parlament. F'każ li d-Deputat Mexxej għall-Affarijiet tal-Parlament ma jibqax Membru Parlamentari, dan ma jibqax iservi ta' Deputat Mexxej għall-Affarijiet tal-Parlament.

# KAP VII

*ikompli*

9. Kull membru tal-Partit huwa eleġibbli biex jikkontesta għall-kariga ta' ' Deputat Mexxej għall-Affarijiet tal-Partit.

10. Il-Mexxej jinħatar wara kull Elezzjoni Ġenerali mill-Kungress tal-Partit kif imfisser fil-Kapitlu u KAP XX.

11. Fil-każ ta'konferma tal-Mexxej wara Elezzjoni Ġenerali, il-votazzjoni sseħħ mill-Konferenza Ġenerali kif imfisser f'KAP XX.

12. Għandha tiġi msejħa Konferenza Ġenerali fuq talba:

    i. tad-Delegati skont Artikolu 2.2 tal-Kap V;
    ii. tal-Eżekuttiv Nazzjonali; jew
    iii. tal-Grupp Parlamentari biex tiddiskuti l-ħidma tal-Mexxej tal-Partit u jittieħed vot dwar l-istess ħidma.

13. Id-Deputati Mexxejja jinħatru, jiġġeddu jew jinbidlu mill-Konferenza Ġenerali wara kull Elezzjoni Ġenerali.

14. F'każ ta' konferma tad-Deputati Mexxejja wara Elezzjoni Ġenerali, il-votazzjoni sseħħ mill-Konferenza Ġenerali kif imfisser f'KAP XX.

15. Għandha tiġi msejħa Konferenza Ġenerali fuq talba:

    i. tad-Delegati skont Artikolu 2.2 tal-Kap V;
    ii. tal-Eżekuttiv Nazzjonali; jew;
    iii. tal-Grupp Parlamentari biex tiddiskuti l-ħidma tad-Deputati Mexxejja u jittieħed vot dwar l-istess ħidma.

# KAP VIII

## KUNGRESS TAL-PARTIT

1. Il-Kungress tal-Partit ikun magħmul minn dawn li ġejjin:

    I. Mid-Delegati tal-Konferenza Ġenerali;
    II. Mil-Uffiċjali u Membri tal-Kumitati;
    III. Mis-Sezzjoni Kunsilliera;
    IV. Mil-Forum Kandidati;
    V. Mil-Membri tal-Partit li jkunu ilhom mill-inqas ħames snin konsekuttivi regolari fil-ħlas. Għall-membri tal-Partit minn età ta' 20 sena jew anqas, il-perjodu ta' sħubija konsekuttiva jkun ta' tliet snin.

2. Il-Kungress tal-Partit għandu jiltaqa' qabel l-Elezzjoni Ġenerali biex jiddiskuti linji gwida tal-politika tal-Partit.

3. Jeleġġi l-Mexxej tal-Partit skont ir-regolamenti fil-KAP XX.

4. Il-kungress ma jeħtieġx kworum biex jiltaqa'.

5. Il-President tal-Partit iservi ta' Chairperson tal-Kungress.

6. L-Eżekuttiv Nazzjonali jista' jsejjaħ laqgħa tal-Kungress tal-Partit għal xi raġuni li l-istess Eżekuttiv Nazzjonali jidhirlu li hija meħtieġa.

7. Il-Kungress tal-Partit jiġi regolat skont l-istanding orders tal-Partit.

# KAP IX

## L-AMMINISTRAZZJONI TAL-PARTIT

1. L-Amministrazzjoni tal-Partit għandha tkun komposta mill-:

   I. Mexxej
   II. Deputati Mexxejja
   III. President
   IV. Viċi President
   V. Segretarju tal-Eżekuttiv Nazzjonali
   VI. Kap Eżekuttiv
   VII. Segretarju Internazzjonali
   VIII. Segretarju Organizzattiv
   IX. Chairperson iDEAT
   X. Segretarju Grupp Parlamentari
   XI. President Sezzjoni Kunsilliera

2. L-Amministrazzjoni tal-Partit fil-ħidma tagħha hija responsabbli lejn l-Eżekuttiv Nazzjonali.

3. Id-dmirijiet tal-Amministrazzjoni tal-Partit, fost l-oħrajn, huma dawn li ġejjin:

   3.1. tkun responsabbli mill-Amministrazzjoni u l-kordinazzjoni Ġenerali tal-Partit;

   3.2. tesegwixxi d-deċizjonijiet meħuda mill-Eżekuttiv Nazzjonali;

   3.3. tagħmel suġġerimenti u rakkomandazzjonijiet lill-Eżekuttiv Nazzjonali dwar:-

      a) fatti u sitwazzjonijiet li jista' jkollhom effetti fuq it-tkabbir tal-appoġġ popolari tal-Partit;
      b) ħidmiet ġodda;
      ċ) ħidma Ġenerali tal-Partit.

4. Tkun responsabbli mir-relazzjonijiet barranin tal-Partit kemm fuq livell bilaterali, kif ukoll fir-rigward ta' organizzazzjonjiet internazzjonali li fihom ikun imsieħeb il-Partit.

5. Torganizza l-kampanji elettorali fl-Elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali, għall-Parlament Ewropew u l-Elezzjoni Ġenerali;

# KAP IX
*ikompli*

6. Tgħin fl-għażla tal-aġenti elettorali tal-kandidati fl-elezzjonijiet imsemmija fl-artiklu preċedenti.

1. Flimkien mal-Eżekuttiv Nazzjonali, tkun responsabbli mill-osservanza tal-Kodiċi ta' Etika u Dixxiplina u dan billi l-Amministrazzjoni tista' tieħu dawk il-passi kollha neċessarji biex tiżgura d-dixxiplina fl-istrutturi kollha tal-Partit skont l-istess Kodiċi, u dana b'rispett sħiħ għal dak provdut f'Kap XVI ta' dan l-Istatut.

2. L-Amministrazzjoni tal-Partit jew Kummissjoni maħtura minnha, tista' twaqqaf is-sħubija ta' membru mal-Partit Laburista għal raġunijiet ta' mġiba li tmur kontra l-prinċipji u l-ħidma tal-Partit. Dawn il-proċeduri jridu jagħtu smigħ xieraq lill-partijiet involuti meta jqumu kwistjonijiet ta' din in-natura qabel tittieħed deċiżjoni, u tali deċiżjonijiet iridu jiġu kkomunikati bil-miktub lill-persuni in kwistjoni. Dawn il-proċeduri għandhom jinstemgħu mill-Kummissjoni Ħarsien ta' Etika u Dixxiplina skont ir-regolamenti stabbiliti f'Kap XVI.

7. Taqdi kwalunkwe dmir li jiġi mogħti lilha mill-Eżekuttiv Nazzjonali.

8. Dmirijiet tal-Uffiċjali tal-Amministrazzjoni:

8.1 (a) Id-dmirijiet tal-President huma:

i. jippresjedi l-laqgħat tal-Amministrazzjoni u tal-Eżekuttiv Nazzjonali;
ii. jara li l-Istatut tal-Partit jiġi osservat u applikat mill-organi u mill-fergħat tal-Partit;
iii. iżomm reġistru tad-deċiżjonijiet li jingħataw dwar l-interpretazzjoni tal-Istatut liema deċizjonijiet joħolqu preċedent li jorbot. Dawn id-deċiżjonijiet għandhom ikunu kkomunikati lill-istruttruri tal- Partit ikkonċernati;
iv. Jagħti rendikont ta' ħidma, f'isem l-Amministrazzjoni tal-Partit, lill-Eżekuttiv Nazzjonali u f'isem l-Eżekuttiv Nazzjonali lill-Konferenza Ġenerali Annwali;
v. Iressaq ir-rapport finanzjarju fil-Konferenza Ġenerali Annwali, imħejji mill-Amministratur Finanzjarju;
vi. Li flimkien mad-Deputat Mexxej għall-Affarijiet tal-Partit, għandu d-dmir li jara li jittieħdu l-passi kollha meħtieġa u li jiġu attwati d-deċiżjonijiet tal-Amminstrazzjoni, l-Eżekuttiv Nazzjonali u tal-Konferenza Ġenerali u l-istrutturi tal-Partit;
vii. vii. Li jaqdi dawk id-dmirijiet l-oħra msemmija f'dan l-Istatut u li jistgħu jiġu delegati lilu mill-Mexxej, mid-Deputati Mexxejja, mill-Amministrazzjoni u mill-Eżekuttiv Nazzjonali.

# KAP IX
*ikompli*

81 (b) Il-President meta jkun qiegħed jippresjedi l-laqgħa tal-Amministrazzjoni, jista' jagħti l-vot oriġinali fuq kull suġġett li jkun ġie għall-votazzjoni, u fil-każ fejn il-voti jiġu ndaqs, jista' jagħti l-casting vote anki jekk ikun eżerċita l-vot oriġinali.

2. Il-Viċi President ikun responsabbli mid-dmirijiet tal-President meta dan ikun assenti jew indispost.

3 Id-dmirijiet tas-Segretarju Internazzjonali jkunu dawn li ġejjin:

3.1. Li jkun responsabbli mir-relazzjonijiet barranin tal-Partit kemm fuq livell bilaterali kif ukoll fir-rigward ta' Organizzazzjonijiet Internazzjonali li fihom ikun imsieħeb il-Partit.

3.2. Li jikkordina Segretarjat Internazzjonali għar-riċerka u aġġornament fir-relazzjonijiet Internazzjonali, Ewropej u Mediterranji.

3.3. Li jressaq rapport ta' ħidma mwettaq fil-qasam internazzjonali lill-Konferenza Ġenerali.

4 Id-dmirijiet tas-Segretarju Organizzattiv huma:

4.1. Li jieħu dawk il-passi kollha meħtieġa fl-organizzazzjoni ta' attivitajiet popolari organizzati mill-Partit u dan skont dawk l-istruzzjonijiet li jingħatawlu minn żmien għal żmien mill-Mexxej, mid-Deputati Mexxejja, mill-Amministrazzjoni jew mill-Eżekuttiv Nazzjonali tal-Partit.

4.2. Li jressaq rapport ta' ħidma lill-Konferenza Ġenerali kull sena.

5. Il-Kap Eżekuttiv huwa maħtur mill-Mexxej tal-Partit, u d-dmirijiet u r-responsabiltajiet tiegħu huma assenjati mill-Mexxej tal-Partit.

# KAP X

## IL-GRUPP PARLAMENTARI

*i – Il-Parlament Malti*

1. Kull min jiġi elett fil-Parlament f'isem il-Partit isir awtomatikament Membru tal-Grupp Parlamentari sakemm:

1.1. ma jerġax ikun elett fl-elezzjoni; jew

1.2. ma jiġix imkeċċi mill-Grupp b'deċiżjoni tal-Grupp Parlamentari u tal-Eżekuttiv Nazzjonali f'laqgħa msejħa apposta.

2. Il-Grupp, fuq nominazzjoni tal-Mexxej, għandu jaħtar minn fost il-membri tiegħu Segretarju tal-Grupp li dan ikun il-Whip, Assistent tiegħu, Kaxxier u Assistent Kaxxier.

3. Il-Grupp għandu jagħżel sitta minn fost il-membri tiegħu biex ikunu membri ordinarji tal-Eżekuttiv Nazzjonali:

3.1. Huwa d-dmir tal-membri l-oħrajn kollha li jattendu l-laqgħat tal-Eżekuttiv Nazzjonali u li jieħdu sehem fid-diskussjonijiet;

3.2. Il-votazzjoni għas-sitt membri għall-Eżekuttiv Nazzjonali u s-Segretarju tal-Grupp issir b'votazzjoni sigrieta.

4. Il-Grupp Parlamentari għandu jiltaqa' skont il-ħtieġa.

5. Id-deċiżjonijiet għandhom jittieħdu b'maġġoranza sempliċi.

6. Il-Mexxej, bħala Chairperson tal-Grupp Parlamentari, għandu d-dritt li jivvota u jkollu l-casting vote f'każ ta' voti ndaqs.

7. Id-Deputat Mexxej għall-Affarijiet tal-Partit u l-President, għandhom il-jedd li jattendu għal-laqgħat tal-Grupp Parlamentari u jipparteċipaw fid-diskussjonijiet, iżda m'għandhomx il-jedd għall-vot f'dan il-Grupp, sakemm id-Deputat Mexxej għall-Affarijiet tal-Partit ma jkunx ukoll Membru Parlamentari/u jew Membru Parlamentari Ewropew. Il-Grupp jista' jistieden għal-laqgħat tiegħu, uffiċjali oħra tal-Partit u / jew persuni oħra bħala osservaturi jew biex jassistuh fil-ħidma tiegħu.

8. Dawn il-laqgħat jiġu msejħa b'arranġament bejn il-Mexxej u l-Whip.

9. Il-Membri Parlamentari għandhom jagħmlu l-kontribuzzjoni ta' kull xahar għall-fondi tal-Partit skont kif jiddeċiedi l-Eżekuttiv Nazzjonali. Fil-kontribuzzjoni jkun inkluż il-ħlas tas-sħubija fil-Partit.

# KAP X

*ikompli*

10. F'każ ta' differenzi serji, il-kwistjoni tiġi mressqa quddiem l-Eżekuttiv Nazzjonali bi dritt għall-appell lill-Konferenza Ġenerali. Jekk ma jkunx hemm żmien biżżejjed biex isir dan, il-membri kollha jridu jivvotaw skont kif jaqta' ' l-Mexxej u l-kwistjoni tiġi mistħarrġa wara.

11. Meta fil-Parlament jinqalgħu kwistjonijiet li jitolbu deċizjonijiet fil-mument, il-Membri tal-Parlament għandhom joqogħdu għad-deċiżjonijiet li jagħti l-Mexxej u fl-assenza tiegħu d-Deputat Mexxej għall-Affarijiet tal-Parlament.

12. Il-Membri tal-Parlament li ma jaqblux mad-deċiżjonijiet tal-Mexxej jistgħu jressqu l-kwistjoni quddiem l-Eżekuttiv Nazzjonali biex dan jieħu l-passi meħtieġa.

13. Il-Mexxej fi kwistjonijiet li jiddeċiedi li ma jkunux ta' prinċipji, jista' jagħti vot liberu.

14. Il-Whip huwa obbligat jirrapporta lill-Eżekuttiv Nazzjonali kull ksur jew nuqqas ta' ixxiplina mill-Membri Parlamentari sabiex dan l-Eżekuttiv Nazzjonali jkun jista' jieħu l-passi meħtieġa.

15. Il-Whip għandu jirrapporta regolarment lill-Amministrazzjoni dwar il-ħidma tal-Grupp Parlamentari.

16. Kull membru tal-Grupp Parlamentari għandu:
    - i. jassisti lill-Partit f'dak kollu mitlub minnu;
    - ii. jipparteċipa fil-Parlament ta' Malta fuq il-linji tal-Programm Elettorali tal-Partit Laburista approvat għal dan il-għan;
    - iii. iżomm kuntatt mall-Kumitati Lokali u dawk Distrettwali jew Fergħat oħra tal-Partit.

# KAP X

*ikompli*

*ii – Il-Membri Parlamentari Ewropej*

1. Fil-każ tal-Membri Parlamentari Ewropej, l-Eżekuttiv Nazzjonali għandu jaħtar wieħed mid- Deputati eletti sabiex jaġixxi bħala Kap tad-Delegazzjoni Laburista fil-Parlament Ewropew.

2. Kull Membru Parlamentari Laburista għall-Parlament Ewropew għandu:

2.1. Jifforma parti mid-delegazzjoni Laburista fil-Parlament Ewropew li tagħmel parti mill-Grupp Soċjalistà;

2.2. Iżomm kuntatt regolari mal-Amministrazzjoni tal-Partit fil-qadi ta' dmirijietu u jattendi għal-Laqgħata' Kordinament mal-Amministrazzjoni li għandha ssir darba fix-xahar u jitħejja rapport ta' ħidma kull tliet xhur li jiġi mgħoddi lill-Eżekuttiv Nazzjonali;

2.3. Jassisti lill-Partit f'dak kollu mitlub minnu;

2.4. Jipparteċipa fil-Parlament Ewropew mal-Grupp Soċjalistà fuq il-linji tal-Program Elettorali tal-Partit Laburista approvat għal dan il-għan;

2.5. Ikollu dritt li jattendi l-laqgħat tal-Eżekuttiv Nazzjonali u jkun bla vot, iżda jkollu l-vot f'każ ta' laqgħa tal-Grupp Parlamentari u l-Eżekuttiv Nazzjonali konġunta;

2.6. Iżomm kuntatt mal-Kumitati Lokali u dawk Distrettwali jew Fergħat oħra tal-Partit;

2.7. Il-Membri Parlamentari Ewropej għandhom jagħmlu l-kontribuzzjoni ta' kull xahar għall-fondi tal-Partit skont kif jiddeċiedi l-Eżekuttiv Nazzjonali. Fil-kontribuzzjoni jkun inkluż il-ħlas tas-sħubija fil-Partit.

# KAP XI

IS-SEZZJONIJIET TAL-PARTIT

*I.- IS-SEZZJONI KANDIDATI*

1. Kull kandidat approvat mill-Eżekuttiv Nazzjonali għall-Elezzjoni Ġenerali jew għall-Elezzjoni tal-Parlament Ewropew isir membru tas-Sezzjoni Kandidati.

2. Il-Kandidati li jkunu kkontestaw l-Elezzjoni Ġenerali u tal-Parlament Ewropew mal-Partit, ikunu membri tas-Sezzjoni Kandidati sakemm ma jiddikjarawx li qed jirtiraw milli jkunu Kandidati jew jiddekadu kif imsemmi aktar 'l isfel.

3. L-għan ta' din is-Sezzjoni huma li:

   a. il-membri tagħha jipparteċipaw fit-tfassil tal-politika tal-Partit,
   b. jiddiskutu l-parteċipazzjoni tal-Kandidati fil-ħidma tal-Partit,
   c. tieħu passi għat-tisħiħ tal-ħidma tal-Kandidati fil-Partit,
   d. jwasslu korsijiet formattivi għall-Kandidati kollha li jkunu ser jirrappreżentaw lill-Partit minn żmien għal żmien,
   e. jingħata l-għarfien meħtieg dwar il-politika tal-Partit Laburista u l-kunest politiku f' pajjiżna,
   f. flimkien ma' iDeat, tmexxi 'l quddiem korsijiet lill-pubbliku bl-għan li nkomplu ninkoraġġixxu l-kandidatura minn elezzjoni għal oħra u kif ukoll sabiex ikompli jitkabbar it-tagħlim dwar l-oqsma politiċi ta' pajjiżna u dwar il-prinċipji tal-Partit Laburista.

4. Is-Sezzjoni għandha titmexxa minn Chairperson u Segretarju maħtura minn fost il-membri tiegħu.

5. Id-Deputat Mexxej għall-Affarijiet tal-Partit, il-President u l-Viċi President ikunu mistiedna għal-laqgħat tas-Sezzjoni.

6. Iċ-Chairperson u s-Segretarju tas-Sezzjoni Kandidati jirrappreżentaw lill-Forum fuq l-Eżekuttiv Nazzjonali.

7. Is-Sezzjoni, sa mhux aktar tard mill-aħħar ta' Marzu ta' kull sena, għandha tagħmel laqgħa sabiex jinħatar iċ-Chairperson u s-Segretarju tagħha, kif ukoll ħmistax-il (15) Delegat għall-Konferenza Ġenerali tal-Partit.

# KAP XI

*ikompli*

8. Il-membri tas-Sezzjoni Kandidati, għandhom il-jedd jipparteċipaw fil-laqgħat tal-Amministrazzjoni Distrettwali u tal-Kumitati Lokali iżda ma jkollhomx id-dritt tal-vot.

9. L-Aġenti tal-Kandidati għall-elezzjonijet jiġu magħżula mill-Eżekuttiv Nazzjonali jew minn min jagħtih delega l-Eżekuttiv Nazzjonali.

10. Membru tas-Sezzjoni għandu jimxi mad-direttivi mogħtija mill-Eżekuttiv Nazzjonali u josserva l-Kodiċi ta' Etika.

11. Is-Sezzjoni għandha tiltaqa' ' mhux inqas minn darba fix-xahar.

12. Min ma jattendix għal tliet laqgħat tas-Sezzjoni Kandidati mingħajr raġuni valida, jitlef postu minn din is-Sezzjoni.

13. L-Eżekuttiv Nazzjonali għandu jfassal regolamenti dwar il-ħidma tas-Sezzjoni Kandidati kif wkoll għall-elezzjonijiet ta' Uffiċjali tas-Sezzjoni Kandidati u tad-Delegati maħtura għan-nom tagħha.

14. Il-Kandidati kollha approvati mill-Eżekuttiv Nazzjonali għall-Elezzjoni Ġenerali u dik tal-Parlament Ewropew tal-Partit Laburista jkunu delegati f'isem is-Sezzjoni, f'kull Konferenza Ġenerali għall-approvazzjoni tal-Programm Elettorali għall-Elezzjoni Ġenerali

*II. IS-SEZZJONI KUNSILLIERA*

1. Kull Kunsillier f'isem il-Partit Laburista u membru elett f`isem il-Partit Laburista fl-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali huwa membru ta` din is-sezzjoni. Kull membru elett fl-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali f' isem il-Partit Laburista jkun ex-ufficio delegat tal-Partit u jibqa' hekk delegat sakemm jkun għadu qiegħed jokkupa dik il-kariga.

2. Il-membri ta' din is-Sezzjoni għandhom kull sentejn jeleġġu erba'(4) uffiċjali u ħames (5) membri li bejniethom jiffurmaw il-Kumitat Eżekuttiv tas-Sezzjoni Kunsilliera wara kull elezzjoni tal-kunsilli lokali. L-elezzjoni m'għandhiex issir aktar tard mill-aħħar ta' Marzu. F'każ ta' elezzjonijiet prospettivi tal-Kunsilli Lokali, l-elezzjoni tiġi posposta u ssir mhux aktar tard minn xahrejn wara l-istess elezzjonijiet.

3. L-uffiċjali tas-sezzjoni huma l-President, Viċi President, Segretarju, u Segretarju Internazzjonali.

# KAP XI

*ikompli*

4. L-Eżekuttiv għandu jinkludi żewġ (2) membri minn kull sess, Sindku, Viċi Sindku, Minority Leader, Kunsillier minn Għawdex u Membru elett fl-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. F'każ ta` kontestazzjoni għal karigi tal-Uffiċjali, dawn il-parametri ma japplikawx, u l-Eżekutiv elett jista' jaħtar membri oħra sabiex jintlaħqu dawn il-kriterji.

5. Il-ħatra ta' Kunsillier għall-Eżekuttiv tas-Sezzjoni ma tikkwalifikahx bħala Delegat għall-Konferenza.

6. L-Uffiċjali u l-membri tal-Eżekuttiv tas-Sezzjoni Kunsilliera għandhom jinħatru minn fost il-membri kollha tas-sezzjoni.

7. Fl-ewwel laqgħa tal-Eżekuttiv tas-Sezzjoni għandhom jinħatru tmienja u sittin (68) delegat tal-Konferenza Ġenerali. Kull Kunsill Lokali għandu jkollu Delegat wieħed, li jkun l-aktar persuna li ġabet voti fl-ewwel għadd f'isem il-Partit Laburista fil-lokal rispettiv. F'każ li t-tali persuna tkun diġà Delegata, tinħatar it-tieni persuna li ġabet l-aktar voti fl-ewwel għadd. L-istess japplika jekk it-tieni persuna li ġabet l-aktar voti fl-ewwel għadd tkun Delegata wkoll. Dan il-metodu jibqa' japplika għall-kunsilliera kollha eletti fl-ewwel għadd. F'każ ta' lokalitajiet fejn il-kunsilliera jkunu kollha Delegati minn strutturi oħrajn tal-Partit, għandha ssir elezzjoni miftuħa għall-Kunsilliera kollha tal-Partit Laburista sa mhux aktar tard minn ġimgħatejn wara l-istess laqgħa.

8. Is-Sezzjoni Kunsilliera għandha kull sena taħtar żewġ (2) rappreżentanti fuq l-Eżekuttiv Nazzjonali tal-Partit Laburista u dan skont KAP VI tal-Istatut.

9. L-Eżekuttiv Nazzjonali japprova regolamenti għall-elezzjonijiet tal-ħatra tal-Eżekuttiv tal-Kunsilliera.

10. Id-Deputat Mexxej għall-Affarijiet tal-Partit ikun membru ex-uffiċio tal-Eżekuttiv ta' din is-Sezzjoni, filwaqt li l-President tal-Partit ikun mitlub li jattendi għal-laqgħat tal-Eżekuttiv tas-Sezzjoni.

11. Fil-laqgħat tas-Sezzjoni għandhom jiġu diskussi l-ħidma tal-Kunsilli Lokali, il-politika tal-Partit dwar il-Kunsilli Lokali u inizjattivi mis-Sezzjoni biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Partit fir-rigward tal-Kunsilli Lokali.

12. L-Eżekuttiv tas-Sezzjoni għandu jinħatar f'Laqgħa Ġenerali tas-Sezzjoni li għandha ssir mhux aktar tard minn xahrejn wara l-elezzjonijiet ta' rawnd tal-Kunsilli Lokali.

# KAP XI

*ikompli*

13. Għandu jkun hemm forum li jissejjaħ 'Forum tas-Sindki u Minority Leaders' li jiltaqa' regolarment sabiex jipproponi strateġiji dwar l-operat u l-ħidma tal-Kunsilli Lokali. Dan il-Forum għandu jiltaqa' kull tliet xhur. Ikunu biss is-Sindki u l-Minority Leaders li jkollhom dritt tal-vot. Il-Viċi Sindki jkollhom id-dritt jattendu mingħajr vot. F'każ li s-Sindku ta' lokalità ma jkunx jista' jattendi, il-Viċi Sindku ta'dik il-lokalità jkollu d-dritt tal-vot.

14. Is-Sezzjoni Kunsilliera għandha l-fakultà li tlaqqa' l-Kunsilliera u s-Sindki ta' Għawdex separatament.

15. L-Eżekuttiv Nazzjonali għandu jifformula regolamenti għat-tħaddim aħjar tas-Sezzjoni.

16. Dawk il-Kunsilliera Laburisti li jkunu eletti fl-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, imma li ma jkunux maħtura Delegati, ikollhom id-dritt li jattendu u jipparteċipaw fil-Konferenza Ġenerali mingħajr il-jedd tal-vot.

# KAP XII

## L-ASSEMBLEA TAD-DELEGATI

1. Id-Delegati kollha tal-Partit huma eleġibbli jipparteċipaw fl-Assemblea.

2. L-Assemblea għandha titlaqqa' minn tal-inqas 3 darbiet fis-sena.

3. L-iskop tal-Assemblea huwa sabiex:

   i. jinżamm kuntatt kontinwu bejn id-Delegati u l-Amministrazzjoni tal-Partit

   ii. lil hinn mill-Konferenza Ġenerali, ikun hemm spazju aktar wiesgħa ta' ' diskussjoni fuq temi politiċi kurrenti u skont l-aġenda mfassla.

   iii. l-aġenda titfassal mill-Amministrazzjoni flimkien mal-Kumitati Lokali, li għandhom żmien sa ġimgħa qabel il-laqgħa biex iressqu l-punti għad-diskussjoni lis-Segretarju tal-Eżekuttiv.

   iv. jissaħħaħ il-kuntratt bejn id-Delegati tal-Partit u l-Grupp Parlamentari.

4. Il-President tal-Partit jippresedi l-Assemblea.

5. L-Assemblea titmexxa skont l-aġenda mfassla u ċirkolata.

6. Jistgħu jiġu mistiedna persuni li jistgħu jikkontribwixxu għall-aġenda tal-Assemblea li ma jkunux Delegati mill-Amministrazzjoni tal-Partit.

7. Dak diskuss waqt l-Assemblea għandu jinġieb għall-attenzjoni tal-Eżekuttiv Nazzjonali mis-Segretarju tal-Eżekuttiv.

# KAP XIII

## L-AMMINISTRAZZJONI DISTRETTWALI

1. F'kull distrett elettorali għandu jkun hemm Kumitat ta' Amministrazzjoni Distrettwali li jkun magħmul minn tliet (3) uffiċjali li jkunu Chairperson, Kordinatur Distrettwali u Assistent Kordinatur Distrettwali flimkien mal-President, is-Segretarju u l-Uffiċjal Elettorali ta' kull lokalità jew rappreżentanti tagħhom, li jagħmlu parti minn dak id-distrett.

2. Iċ-Chairperson tal-Kumitat tal-Amministrazzjoni Distrettwali jippresjedi l-laqgħat tal-Kumitat. Fl-assenza tiegħu, il-laqgħa għandha tkun preseduta mill-Assistent Kordinatur Distrettwali.

3. Il-Kordinatur Distrettwali għandu r-responsabilità ta' Kordinament fid-distrett u li jaċċerta li jitwettqu r-responsabbilitajiet kollha tal-Kumitat ta' Amministrazzjoni Distrettwali. Huwa jirrappreżenta lid-Distrett fl-Eżekuttiv Nazzjonali u jkun ta' mezz ta' komunikazzjoni bejn id-distrett u l-Eżekuttiv Nazzjonali.

4. Il-Kordinatur Distrettwali jkun responsabbli mill-fondi li jgħaddilu l-Eżekuttiv Nazzjonali għall-ħidma tal-Kumitat ta' Amministrazzjoni Distrettwali u li tagħhom għandu jippreżenta rendikont finanzjarju mill-inqas darba fis-sena lill-Eżekuttiv Nazzjonali.

5. Ir-rappreżentanza legali tal-Kumitat tal-Amministrazzjoni Distrettwali tkun vestita fil-Kordinatur Distrettwali flimkien ma' wieħed mill-uffiċjali l-oħra, skont kif ikun deċiż mill-istess Kumitat.

6. L-Assistent Kordinatur Distrettwali għandu jassisti lill-Kordinatur Distrettwali fil-ħidma tiegħu.

7. L-Uffiċjali tal-Kumitati tal-Amministrazzjoni Distrettwali għandhom id-dmir li jiltaqgħu bejniethom biex iwettqu x-xogħol tal-kumitat.

8. Il-Kordinatur Distrettwali għandu jibgħat rapport ta' ħidma kull tliet xhur lill-Amministrazzjoni. Dan ir-rapport għandu jinkludi wkoll rapport ta' ħidma tal-Kumitati Lokali kollha tad-distrett.

# KAP XIII
*ikompli*

9. Il-funzjonijiet tal-Kumitat tal-Amministrazzjoni Distrettwali huma:

   a. il-kordinament tal-ħidma politika tal-Kumitati Lokali f'kull aspett u dan partikolarment fil-kampanji politiċi fid-Distrett tiegħu, skont id-direttivi mogħtija lilu mill-Eżekuttiv Nazzjonali minn żmien għal żmien;
   b. iżomm kuntatt mad-Deputati u Kandidati tad-Distrett;
   c. jieħu sehem fil-ħidmiet marbuta mal-proċess elettorali kif ikun mitlub mill-Kap tal-Uffiċċju Elettorali;
   d. iżomm kuntatt mall-Kumitati Lokali kollha tad-distrett billi jibgħat rappreżentant fil-Laqgħa tal-Kumitat Lokali;
   e. jaċċerta li dawn il-Kumitati Lokali jaħdmu b'mod effettiv;
   f. jaċċerta li d-direttivi li joħorġu mill-Eżekuttiv Nazzjonali jitwettqu;
   g. jirrapporta regolarment dwar l-operat tiegħu lis-Segretarju tal-Eżekuttiv Nazzjonali;
   h. iressaq quddiem l-Eżekuttiv Nazzjonali mozzjonijiet u suġġerimenti;
   i. iwettaq funzjonijiet oħra li minn żmien għal żmien jafdalu mis-Segretarju tal-Eżekuttiv Nazzjonali jew mill-Eżekuttiv Nazzjonali;
   j. jaċċerta li jkun hemm kordinazzjoni fil-ħidma bejn l-organi kollha tal-Partit f'dak id-distrett. Meta hekk mitlub mid-Deputat Mexxej għall-Affarijiet tal-Partit, għandu jintervjeni biex jaċċerta li jkun hemm kordinazzjoni bejn il-Kunsilliera Lokali f'dak id-distrett.

10. L-Eżekuttiv Nazzjonali għandu jipprovdi l-finanzi għall-ħidma tal-Kumitati tal-Amministrazzjoni Distrettwali.

11. B'kordinament mal-Kumitati Lokali, il-Kumitati tal-Amministrazzjoni Distrettwali jistgħu jieħdu inizjattivi għall-finanzjament ta' ħidma fid-distrett.

12. Il-Kumitati tal-Amministrazzjoni Distrettwali għandhom jitolbu l-approvazzjoni tal-Amministratur Finanzjarju qabel ma jieħdu inizjattivi ta' natura finanzjarja skont dan il-Kapitolu.

13. Għandha ssir Laqgħa Ġenerali tal-Kumitat tal-Amministrazzjoni Distrettwali mhux aktar tard mill-aħħar ta' Marzu ta' kull sena.

14. Għal din il-laqgħa jattendu d-Delegati tal-Konferenza maħtura mil-Laqgħat Ġenerali tal-KumitatiLokali fid-distrett u jkollhom vot biex jeleġġu lill-Uffiċjali tal-Kumitat Distrettwali.

# KAP XIII
*ikompli*

15. Din il-Laqgħa Ġenerali għandha tiddiskuti u tapprova rapport ta' ħidma tal-kordinatur Distrettwali inkluż ir-rapport finanzjarju.

16. Għandha tissejjaħ Laqgħa Ġenerali Straordinarja tal-kumitat tal-Amministrazzjoni Distrettwali fil każ ta':
    - riżenja ta' uffiċjal tal-kumitat tal-Amministrazzjoni Distrettwali; jew
    - b'ordni tal-Eżekuttiv Nazzjonali.

## IR-REĠJUN TA' GĦAWDEX

1. L-Amministrazzjoni tar-Reġjun ta' Għawdex tkun magħmula minn Kumitat Reġjonali magħmul minn ħames (5) uffiċjali li jkunu:

    i. Iċ-Chairperson
    ii. Il-Kordinatur Reġjonali
    iii. L-Assistent Kordinatur Reġjonali
    iv. L-Uffiċjal għall-Koordinament tal-Kumitati Lokali
    v. L-Uffiċjal Ħidma Politika Reġjonali

    Il-Kumitat Reġjonali għandu jiltaqa' kull meta tinħass il-ħtieġa, iżda mhux inqas minn darba kull xahar.

2. Il-President, is-Segretarju u l-Kordinatur Ħidma Politika ta' kull lokalità fir-reġjun ta' Għawdex għandhom ikunu parti mill-Kumitat Reġjonali.

3. L-Eżekuttiv Nazzjonali għandu jipprovdi l-finanzi għall-ħidma tal-Kumitat Reġjonali.

4. B'koordinament mal-Kumitati Lokali, il-Kumitat Reġjonali jista' jieħu inizjattivi għall-finanzjament tal-ħidma fir-reġjun.

5. Il-Kumitat Reġjonali għandu jitlob l-approvazzjoni tal-Amministratur Finanzjarju qabel ma jieħu inizjattivi ta' natura finanzjarja skont dan il-Kapitolu.

6. Għandha ssir Laqgħa Ġenerali tal-Kumitat Reġjonali mhux aktar tard mill-aħħar ta' Marzu ta' kull sena.

# KAP XIII

*ikompli*

7. Għal din il-laqgħa jattendu l-membri tal-Kumitati kollha fir-Reġjun u jkollhom vot biex jeleġġu lill-uffiċjali tal-Kumitat Reġjonali, id-Delegati reġjonali u tliet Delegati għall-Konferenza Ġenerali.

Din il-laqgħa Ġenerali tiddiskuti u tapprova r-rapport tal-ħidma tal-Kordinatur Reġjonali.

8. Il-funzjonijiet tal-Kumitat Reġjonali huma:

8.1. Il-kordinament tal-ħidma politika tal-Kumitati Lokali f'kull aspett partikolarment fil-kampanji politiċifir-reġjun fuq id-direttivi kkomunikati lilu mill-Eżekuttiv Nazzjonali minn żmien għal żmien;

8.2. Jieħu sehem fil-ħidmiet konnessi mal-proċess elettorali kif ikun mitlub mill-Kap tal-Uffiċċju Elettorali;

8.3. Iżomm kuntatt mal-Kumitati Lokali kollha tad-distrett billi jibgħat rappreżentant fil-Laqgħa tal-Kumitati Lokali;

8.4. Jara li dawn il-Kumitati Lokali jiffunzjonaw b'mod effettiv;

8.5. Jara li d-direttivi li joħorġu mill-Eżekuttiv Nazzjonali jitwettqu;

8.6. Jirrapporta regolarment dwar l-operat tiegħu lis-Segretarju tal-Eżekuttiv Nazzjonali;

8.7. Iressaq quddiem l-Eżekuttiv Nazzjonali mozzjonijiet u suġġerimenti;

8.8. Jeżerċita funzjonijiet oħra li minn żmien għal żmien jiġu fdati lilu mill-Eżekuttiv Nazzjonali;

8.9. Jaċċerta li jkun hemm koordinazzjoni fil-ħidma tal-Kunsilliera Lokali fir-Reġjun;

8.10. Jorganizza laqgħat għall-Kunsilliera fir-reġjun, bejn id-Delegati u membri tar-reġjun mal-MEPs, kif ukoll ma' membri tal-Grupp Parlamentari dwar suġġetti ta' interess;

8.11. Jieħu dawk il-passi meħtieġa għal għan imsemmi f'paragrafu 4.1.

# KAP XIII
*ikompli*

9. Iċ-Chairperson tal-Kumitat Reġjonali jippresjedi l-laqgħat tal-Kumitat. Fl-assenza tiegħu, il-laqgħa għandha titmexxa mill-Assistent Kordinatur Reġjonali.

10. Il-Kordinatur Reġjonali għandu r-responsabbilità tal-ħidma ta' koordinament fir-reġjun u li jaċċerta li r-responsabbilitajiet tal-Kumitat Reġjonali jitwettqu. Huwa jirrappreżenta r-reġjun fl-Eżekuttiv Nazzjonali u jservi bħala l-mezz ta' komunikazzjoni bejn id-distrett u l-Eżekuttiv Nazzjonali.

11. Il-Kordinatur Reġjonali jkun responsabbli mill-fondi mgħoddija lilu mill-Eżekuttiv Nazzjonali għat-tmexxija tal-Kumitat tal-Amministrazzjoni Distrettwali u li tagħhom għandu jippreżenta rendikont finanzjarju darba fis-sena lill-Eżekuttiv Nazzjonali.

11.1. Ikun ukoll responsabbli mill-fondi miġbura mill-Kumitat Reġjonali.

12. L-Assistent Kordinatur Reġjonali jgħin lill-Kordinatur Reġjonali fil-ħidma tiegħu. Dan l-uffiċjal m'għandux ikollu aktar minn ħamsa u tletin (35) sena.

13. L-Uffiċjal Ħidma Politika Reġjonali għandu jikkoordina l-ħidma tal-proċess elettorali fir-reġjun kif ukoll jikkordina l-ħidma bejn il-kumitati u l-Kunsilliera fir-reġjun.

14. L-Uffiċjal għall-Kordinament tal-Kumitati Lokali għandu jara li l-Kumitati Lokali jilħqu l-għanijiet tagħhom.

15. Id-Deputati, il-Kandidati u l-Kumitati Lokali tar-Reġjun huma fid-dmir li jikkoperaw mal-Kumitati Reġjonali.

16. Għandha tissejjaħ Laqgħa Ġenerali Straordinarja tal-Kumitat Reġjonali fil-każ ta':

   a) riżenja ta'uffiċjal tal-kumitat tal-Amministrazzjoni tar-Reġjun ta' Għawdex;
   b) b'ordni tal-Eżekuttiv Nazzjonali.

# KAP XIII
*ikompli*

17. Għandu jkun hemm Kungress Reġjonali għal Għawdex bl-għan li:

i) imexxi 'l quddiem l-istrateġija politika għal Għawdex;
ii) joħloq diskussjoni dwar din l-istrateġija, japprova abbozz finali tagħha u jippreżentah lill-Eżekuttiv Nazzjonali.

18. Il-Kungress Reġjonali għandu jiltaqa' ' mill-inqas darba fis-sena u jkun magħmul mill-uffiċjali kollha ta' kull Kumitat Lokali f'Għawdex, il-Membri Parlamentari eletti minn Għawdex, il-Kunsilliera Lokali eletti f'Għawdex, il-kandidati għall-Elezzjonijiet Ġenerali u Lokali, u l-Uffiċjali tal-fergħat f'Għawdex tan-Nisa Laburisti, taż-Żgħażagħ Laburisti, u tal-Veterani Laburisti.

# KAP XIV

## IL-KUMITATI LOKALI

1.Il-Kumitati Lokaligħandhom ikunu kostitwiti hekk kif ġej:

i. President
ii. Segretarju
iii. Uffiċjal Elettorali
iv. Uffiċjal Finanzi
v. Uffiċjal Politika u Kommunikazzjoni
vi. Uffiċjal Organizzattiv
vii. Uffiżjal għall-Ħidma fill-Komunità
viii. Massimu ta' seba' (7) Ufficjali Ordinarji oħra li r-responsabbilitajiet tagħhom għandom jiġu maqbula bejn il-Kumitati Lokali bl-approvazzjoni tal-Kumitati tal-Amministrazzjoni Distrettwali responsabbli minn dak il-lokal. L-ammont massimu ta' Uffiċjali Ordinarji ma jistax jaqbeż l-ammont ta' delegati li l-lokal jista' jkollu skont Artikolu 4.2 tal-Kapitolu V (Konferenza Ġenerali) ta' dan l-Istatut. Il-Kumitat hu magħmul mill-Uffiċjali tiegħu, b'dana li d-Delegati l-oħra tal-lokal għandhom jiġu involuti fil-ħidma mill-Uffiċjali tal-kumitat skont kif provdut fi klawsola 2.9 ta' dan il-Kap.

Il-Kumitat hu magħmul mill-Uffiċjali biss u ma jistax jinbidel. Id-Delegati l-oħra tal-lokal għandhom jiġu involuti fil-ħidma mill-Uffiċjali tal-kumitat skont kif provdut fi klawsola 2.9 ta' dan il-Kap.

1.1. L-Eżekuttiv Nazzjonali għandu jipproponi persuna għall-kariga ta' Uffiċjal Elettorali tal-lokal lil-Laqgħa Generali tal-lokal.

1.2. It-twaqqif ta' Kumitat Lokali f'xi lokalità tista' ssir biss b'approvazzjoni tal-Eżekuttiv Nazzjonali, u meħtieġ ikun hemm tal-inqas ħamsin (50) membru.

1.3. L-Eżekuttiv Nazzjojnali għandu setgħa jwaqqaf kull nomina għal kull kariga msemmija f`dan il-Kap, u dak tagħmlu skont ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Elettorali tal-Partit.

2. Il-funzjonijiet ta'kull Kumitat Lokali huma li:

2.1. Iservi bħala rappreżentant tal-Partit fil-lokal tiegħu u għalhekk għandu jkun preżenti permezz t'attivitajiet pubbliċi u komunikazzjoni kontinwa mal-membri fil-lokal u l-komunita`;

2.2. Jieħu sehem fil-ħidmiet dwar il-proċess elettorali kif ikun mitlub mill-Kap tal-Uffiċċju Elettorali;

# KAP XIV
*ikompli*

2.3. Iwettaq id-direttivi mogħtija lilu mill-Eżekuttiv Nazzjonali;

2.4. Jaħdem f'kooperazzjoni mal-Kumitat tal-Amministrazzjoni Distrettwali jew Reġjonali u jimxi fuq id-direttivi tiegħu;

2.5. Iservi ta' vuċi għall-komunitàtal-lokal sabiex jifhem, jixtarr u iwassal il-ħsibijiet tal-elettorat dwar temi varji lil Partit sabiex il-politika mħaddna tkun iżjed relevanti għal dak li jaħsbu n-nies. Fl-istess waqt iwassal fil-lokal tiegħu l-fehmiet tal-Partit sabiex ikabbar l-appoġġ fost l-elettorat;;

2.6. Jgħin lill-Eżekuttiv Nazzjonali fl-għażla tal-Kandidati prospettivi għall-elezzjonijet lokali u ġenerali;

2.7. Jiġbor u jsaħħaħ is-sħubija fil-Partit;

2.8. Jimxi mal-linji gwida pprovduti mill-Kummissjoni Propjetàu mar-regolamenti stabbiliti mill-Eżekuttiv Nazzjonali sabiex jamministra ċ-Ċentru Lokali tal-Partit. Dan jinkludi l-irċevuta u l-aġġudikazzjoni ta' offerti mingħand terzi għall-ġestjoni tal-bottegin hekk kif regolat minn Artikolu 24 ta' Kap VI, l-użu responsabbli tal-istess bottegin, il-manutenzjoni taċ-Ċentru, filwaqt li jippromwovi l-uzu taċ-Ċentru għal skopijiet politiċi u komunitarji.

2.9. Flimkien mad-Delegati tal-lokal u attivisti membri oħrajn tal-Partit, jara li jkun hemm ħidma li tilħaq lis-soċjetà kollha bit-twaqqif fejn meħtieġ ta' sotto kumitati li jiġu Delegati ħidma mill-kumitat.

2.10. Jassigura li l-infrastruttura fil-lokal tkun għad-dispożizzjoni tal-Kandidati kollha tal-Partit mingħajr distinzjoni.

2.11. Jikkordina mal-Amministrazzjoni Distrettwali l-ħidma kollha li tkun għaddejja fil-lokal, u jaċċerta li l-Koordinatur Distrettwali jkun mitlub jattendi għal kull laqgħa.

2.12. Iżomm laqgħat regolari mal-Kunsilliera Laburisti fil-lokal, ' tal-inqas tliet darbiet fis-sena.

3. Id-dmirijiet tal-Uffiċjali tal-Kumitat huma:

3.1. IL-PRESIDENT

3.1.1. Il-President imexxi l-laqgħat tal-kumitat. Flimkien mas-Segretarju u l-Uffiċjal Finanzi jkun responsabbli fost l-oħrajn mill-Amministrazzjoni Finanzjarja tal-Kumitat Lokali u mill-funzjonijiet elenkati f'Artiklu 2;

# KAP XIV

*ikompli*

3.1.2. Fin-nuqqas tal-President għandu jinħatar Chairperson minn fost l-uffiċjali l-oħra tal-Kumitat.

3.1.3. Il-President għandu r-responsabilità li jara r-rendiment tal-uffiċjali kollha tal-Kumitat huwa wieħed kostanti b'rispett lejn id-dmirijiet elenkati u l-ħidma pjanata mill-Kumitati.

3.1.4. Il-President flimkien mal-Kordinatur Distrettwali huwa responsabbli li jinforma lill-Amministrazzjoni tal-Partit bl-andament tal-Kumitat rispettiv.

3.2. IS-SEGRETARJU:

3.2.1. Flimkien mal-President, ifassal l-aġenda għal-laqgħat tal-Kumitati.

3.2.2. Ikun responsabbli miż-żamma tal-minuti tal-Laqgħat tal-Kumitat Lokali u l-attendenza tal-uffiċjali tal-Kumitat, tal-minuti tal-Laqgħa Ġenerali tal-Kumitat Lokali, tal-korrispondenza u tad-dokumenti tal-Kumitati;

3.2.3. Ikun responsabbli miż-żamma tal-ordni fiċ-Ċentru tal-Lokal u li jara li ċ-Ċentru jkun immexxi skont il-liġiijiet vigenti;

3.2.4. Għandu jikkomunika lis-Segretarju tal-Eżekuttiv Nazzjonali r-rapport ta' ħidma Amministrattiva u dik Finanzjarja tal-Kumitat Lokali.

3.2.5. Għandu jaċċerta li qabel mal-Kumitat jagħmel kull xorta ta' skrittura jew kuntratt ma' terzi, ikollu l-approvazzjoni bil-miktub tal-Amministrazzjoni tal-Partit. Il-President, is-Segretarju, u l-Uffiċjal Finanzi tal-Kumitat għandhom jirrappreżentaw lil Kumitat f'kull xorta ta' ftehim sew jekk verbali, kif ukoll bil-miktub.

3.2.6. Flimkien mal-President u l-Uffiċjal Finanzi, ikun responsabbli mill-Amministrazzjoni Finanzjarja tal-Kumitat Lokali;

3.2.7. Jippreżenta r-rapport ta' ħidma lill-Konferenza Ġenerali tal-Kumitat Lokali li jkun jinkludi Rapport minn kull Uffiċjal tal-Kumitati;

3.2.8. Jaċċerta li l-Kumitat Lokali josserva kull direttiva li tingħatalu mill-Eżekuttiv Nazzjonali permezz tas-Segretarju tal-Eżekuttiv Nazzjonali.

3.2.9. Ikun responsabbli mill-komunikazzjoni kollha mal-Amministrazzjoni tal-Partit, liema komunikazzjoni ssir b'mezzi differenti inkluż dawk elettroniċi. Is-Segretarju għandu jassigura li l-korrispondenza kollha mibgħuta lilu tiġi ċirkolata lill-Uffiċjali kollha tal-Kumitat.

# KAP XIV
*ikompli*

3.2.10. Ikun responsabbli mill-komunikazzjoni u ħidma mal-għaqdiet tal-lokal, inkluż il-Kunsill Lokali.

3.2.11. Jassisti fil-ħatra, skont dak provdut fl-Artikolu 2.9 ta' dan il-Kap, u jsegwi r-rendiment ta' kull sotto-kumitat magħmul mid-Delegati u l-attivisti membri tal-Lokal.

3.3. L-UFFIĊJALI ELETTORALI

3.3.1. L-Uffiċjal Elettorali huwa responsabbli mill-kordinazjoni tal-ħidma kollha meħtieġa fil-proċess elettorali kemm fl-Elezzjoni tal-Kunsill Lokali, fl-Elezzjoni għal-Parlament Ewropew u l- Elezzjoni Ġenerali.

3.3.2. Iwettaq kull direttiva oħra li tingħatalu mill-Amministrazzjoni jew l-Eżekuttiv Nazzjonali, jew il-Kap tal-Uffiċċju Elettorali.

3.3.3. Iżomm kuntatt ma' għaqdiet oħra fil-lokal.

3.4. UFFIĊJAL FINANZI

3.4.1. L-Uffiċjal Finanzi, flimkien mal-President u s-Segretarju, huwa responsabbli mill-Amministrazzjoni Finanzjarja tal-Kumitat Lokali;

3.4.2. Kemm jista' jkun, il-persuni li jikkandidaw ruħhom għal dawn l-irwol, irid ikollhom bażi ta' għarfien fuq żamma tal-kotba finanzjarji, u kif ukoll tal-liġijiet tal-pajjiż li jirregolaw il-finanzjament tal-Partiti. Iż-żamma tal-informazzjoni trid tkun uniformi mal-formularju ċirkolat mill-Partit;

3.4.3. Għandu jżomm rendikont dettaljat tal-finanzi u jippreżenta rapport lill-Konferenża Ġenerali Annwali tal-Kumitat Lokali.

3.4.4. Iżomm u jaġġorna inventarju tal-Kumitat Lokali u taċ-Ċentru Lokali;

3.4.5. Josserva kull direttiva li tingħatalu mill-Kap Eżekuttiv u l-Amministratur Finanzjarju tal-Partit;

3.4.6. Jassigura li fejn applikabbli, il-kundizzjonijiet tal-kirja tal-bottegin jiġu rispettati mill-kerrej u skont iż-żmien stipulat fil-kuntratt. Għandu r-responsabilità li jinforma l-Amministrazzjoni tal-Partit b'mod immedjat u bil-miktub meta dan ma jkunx qed isir.

# KAP XIV

*ikompli*

3.4.7.

3.5. UFFIĊJAL POLITIKA U KOMUNIKAZZJONI

3.5.1. L-Uffiċjal Politika u Komunikazzjoni huwa responsabbli mill-aspett politiku tal-Kumitat, u l-Komunikazzjoni kemm mal-membri kif ukoll mal-pubbliku.

3.5.2. Iżomm aġġornat il-mezzi tradizzjonali u ta' komunikazzjoni soċjali f'isem il-Kumitat, liema mezzi jibqgħu tal-Kumitat u l-kredenzjali jkollu aċċess għalihom is-Segretarju wkoll.

3.5.3. Iżomm kuntatt mal-Kap tal-Uffiċċju Komunikazzjoni tal-Partit u jwassal il-komunikazzjonijiet Uffiċjali fuq il-mezzi msemmija.

3.5.4. Flimkien mal-Uffiċjal Elettorali jżomm kuntatt mal-għaqdiet l-oħra tal-lokal, jipparteċipa fl-attivitajiet li jsiru fil-lokal rispettiv, kif ukoll iħejji attivitajiet ta' natura politika li huma ta' interess jew jaffettwaw lir-residenti tal-lokal f'isem il-Kumitat, filwaqt li jressaq proposti u suġġerimenti quddiem il-Kumitat.

3.5.5. Iżomm kuntatt kontinwu mal-Kunsilliera lokali eletti f'isem il-Partit fil-lokal.

8.

3.6. UFFIĊJAL ORGANIZZATTIV

3.6.1. L-Uffiċjal Organizzattiv huwa responsabbli mill-organizzazzjoni tal-attivitajiet imtellgħa mill-Kumitat, b'koordinament mal-Ufiċjali l-oħra.

3.6.2 Il-Kumitati huma mħeġġa jorganizzaw attivitajiet politiċi ta' diskussjoni fil-komunità, b'parteċipazzjoni wiesgħa u bil-għan li l-Partit ikun dejjem qrib in-nies.

3.6.3. Il-Kumitati huma mħeġġa wkoll jorganizzaw attivitajiet li jressqu l-membri u l-pubbliku eqreb lejn il-ħidma tal-kumitat, kif ukoll attivitajiet li jgħinu fl-operat finanzjarju tal-istess Kumtati.

3.6.4. L-Uffiċjal Organizzattiv huwa responsabbli li jikkordina mas-Segretraju Organizzattiv tal-Partit sabiex l-attivitajiet ikunu parti mill-kalendarju tal-Partit.

3.7. UFFIĊJAL ĦIDMA FIL-KOMUNITÀ

3.7.1. L-Uffiċjal għall-Ħidma fil-Komunitàgħandu jzomm kuntatt dirett mal-membri tal-lokal.

# KAP XIV
*ikompli*

4. Id-Delegati allokati għal dak il-lokal jiġu kkalkolati fuq in-numru ta' membri mħallsa sal-aħħar ta' Diċembru tas-sena finanzjarja preċedenti.

5. Id-Delegati lokali jinħatru f'din l-ordni:

   i. President, Segretarju, Uffiċjal Elettorali, Uffiċjal Finanzjarju
   ii. Uffiċjal Politika u Komunikazzjoni, Uffiċjal Organizzattiv u Uffiċjali għall-Ħidma fil-Komunita'.
   iii. Numru ta' Delegati li jinħatru b'elezzjoni mill-membri eleġibbli skont l-ammont ta' Delegati allokati għal lokal rispettiv.

   Id-delegati għandhom l-obbligu li jattendu u jipparteċipaw għall-Konferenza Ġenerali tal-Partit, filwaqt li jassistu l-Uffiċjali tal-Kumitat fil-ħidma lokali.

   Fil-każ li kariga tibqa' vakanti, waqt il-Laqgħa Ġenerali, anke wara li ċ-Chairperson tal-laqgħa jitlob għan-nomini dak il-ħin lil dawk eleġibbli u preżenti għal-laqgħa, f'każ li l-karigi li jibqgħu vakanti jkunujistgħu jimtlew minn membri tal-Partit Laburista, li jkunu ħallsu għas-sena preċedenti biex jirregolarizzaw is-sħubija tagħhom sa ħmistax qabel il-Laqgħa Ġenerali, suġġett għall-approvazzjoni tal-Amministrazzjoni. Dan ma japplikax għall-Uffiċjal Elettorali.

   Fil-każ li ma jkunx hemm nomini għas-seba' (7) uffiċjali elenkati f'(i) u (ii), id-Delegat assenjat mal-uffiċjal ma jiġix trasferrit.

6. F'każ illi xi Kumitat Lokali, għal xi raġuni jew oħra, ma jibqax jiffunzjona, il-fondi, il-propjetà u d-dokumenti kollha għandhom jgħaddu fil-pussess tal-Amministrazzjoni tal-Partit. L-Amministrazzjoni tal-Partit għandha tieħu ħsieb ta' dawn l-affarijiet u jekk il-Kumitat Lokali jerġa' jibda jiffunzjona, l-Amministrazzjoni tkun obbligata li tgħaddi lura dawn l-oġġetti sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor.

7. Uffiċjal tal-Kumitat li jonqos milli jattend tlett (3) laqgħat konsekuttivi mingħajr ġustifikazzjoni jitlef postu fil-Kumitat Lokali u Delegat tal-Konferenza Ġenerali. Is-segretarju tal-Kumitat Lokali għandu jikkomunika dan bil-miktub mall-President tal-Partit u mal-Uffiċjal Kordinament Kumitati. Wara li tiġi kkonfermata l-vakanza, din għandha tiġi kkomunikata bil-miktub lill-uffiċjal uxxenti mill-President tal-Partit. L-Uffiċjal Kordinament Kumitati jinforma lis-Segretarju tal-Kumitat u l-Kummissjoni Elettorali sabiex tissejjaħ Laqgħa Ġenerali Straordinarja biex jiskatta l-proċess statutorju sabiex jinħatar uffiċjal ġdid fl-istess kumitat.

# KAP XIV
*ikompli*

8. Għandha tissejjaħ Laqgħa Ġenerali Straordinarja tal-Kumitat Lokali:
   a. fil-każ ta'' riżenja jew vakanza ta' Uffiċjal tal-Kumitat Lokali;
   b. b'ordni tal-Eżekuttiv Nazzjonali.

9. Kumitat għandu jkun magħmul mill-Uffiċjali elenkati f'Artiklu 1 ta' dan il-Kapitlu. L-ammont ta' Delegati assenjati lil-lokal ivarja skont l-ammont ta' membri msieħba, u dan l-ammont għandu jiġi kkomunikat lill-membri kollha eleġibbli tal-lokal fl-avviż tal-Laqgħa Ġenerali. Is-Segretarju tal-Kumitat għandu jkollu konferma tal-avviż u l-kontenut tiegħu mill-Kummissjoni Elettorali tal-Partit.

10. L-Eżekuttiv Nazzjonali għandu s-setgħa jfassal regolamenti oħra għall-ħidma tal-Kumitat Lokali.

11. Il-Kumitat Lokali għandu jsejjaħ Laqgħa Ġenerali Annwali kull sena, u jsejjaħ elezzjonijiet għall-Kumitat Lokali u għad-Delegati lokali kull sentejn. Din il-laqgħa u dawn l-elezzjonijiet għandhom jissejħu bejn l-ewwel ta' Jannar u l-aħħar ta' Marzu.

    F'ċirkostanzi partikolari, l-Eżekuttiv Nazzjonali għandu s-setgħa li jippostponi dawn il-laqgħat għall-perjodu aktar addatat iżda b'mhux aktar minn sena mid-data prevista oriġinarjament.

12. Għal-Laqgħa Ġenerali tal-Kumitat Lokali, għandhom jiġu mistiedna d-Deputati Parlamentari Eletti mid-distrett li l-lokal ikun jifforma parti minnu, il-Kandidati tal-istess distrett u l-Kunsilliera Lokali eletti f'dak il-lokal. Is-Sindku jew Minority Leader fil-Kunsill Lokali għandu jipprepara rapport ta' ħidma għall-preżentazzjoni u d-diskussjoni mal-membri waqt l-istess Laqgħa Ġenerali.

13. Id-Deputati Parlamentari għandhom mal-ħlas tas-sħubija, jiddikjaraw f'liema lokalità huma membri għal fini tal-vot fil-Laqgħa Ġenerali.

14. L-elezzjoni tal-Kumitati Lokali jiġu mmexxija mill-Kummissjoni Elettorali tal-Partit Laburista, li għandha l-obbligu tara r-rendiment tal-Kumitat, tal-Uffiċjal u d-Delegati fis-sena preċedenti fl-evalwazzjoni tan-nomini sottomessi.

# KAP XV

## IL-FERGĦAT TAL-PARTIT

1. Il-Fergħat tal-Partit huma dawn li ġejjin:

   i. Nisa Laburisti;
   ii. Żgħażagħ Laburisti; u
   iii. Veterani Laburisti.

*i. Nisa Laburisti*

1. Nisa Laburisti hija fergħa tal-Partit li tilqa' fiha l-membri nisa tal-Partit.

2. Din il-fergħa għandha jkollha Statut tagħha. Dan l-Istatut ikun approvat mil-Laqgħa Ġenerali tal-fergħa u għandu jitqiegħed għall-approvazzjoni tal-Eżekuttiv Nazzjonali tal-Partit.

3. L-iskop ewlieni ta' din l-Għaqda għandu jkun li jsaħħaħ u jsostni l-impenn tan-nisa fil-ħidma politika tal-Partit.

*ii. Żgħażagħ Laburisti*

1. Żgħażagħ Laburisti hija fergħa tal-Partit għall-membri tal-Partit li jkollhom l-età bejn l-erbatax (14) u l-ħamsa u tletin (35) sena.

2. Din il-fergħa għandha jkollha Statut tagħha, liema Statut ikun approvat mil-Laqgħa Ġenerali tal-fergħa u għandu jitqiegħed għall-approvazzjoni tal-Eżekuttiv Nazzjonali tal-Partit.

3. L-għan ewlieni ta' din il-fergħa huwa li tħeġġeġ u timpenja aktar żgħażagħ jagħtu kontribut politiku permezz ta' ħidma fi ħdan il-Partit Laburista.

*iii. Veterani Laburisti*

1. Veterani Laburisti hija fergħa tal-Partit li tilqa' fiha dawk il-membri tal-Partit li jkollhom età mhux inqas minn sittin (60) sena.

2. Din il-fergħa għandha jkollha Statut tagħha liema Statut ikun approvat mil-Laqgħa Ġenerali ta' fergħa u li għandu jitqiegħed għall-approvazzjoni tal-Eżekuttiv Nazzjonali tal-Partit.

3. L-għan ewlieni ta' din il-fergħa hija li tħeġġeġ u timpenja aktar anzjani jagħtu kontribut politiku permezz ta' ħidma fi ħdan il-Partit Laburista.

# KAP XVI

## KUMMISSJONI ĦARSIEN TA’ ETIKA U DIXXIPLINA

Kull referenza għat-terminu ‘Kummissjoni’ fl-Artikli t’hawn taħt tirreferi għall-Kummissjoni Ħarsien t’Etika u Dixxipina.

Għandha tinħatar Kummissjoni responsabbli mill-ħarsien tal-Etika u d-Dixxiplina għal perjodu ta’ ħames snin.

1. Mhux aktar tard mit-tieni laqgħa tal-Eżekuttiv Nazzjonali wara kull elezzjoni ġenerali, l- Eżekuttiv Nazzjonali fuq proposta tal-Amministrazzjoni għandu jaħtar din il-Kummissjoni sabiex taqdi l-funzjonijiet tagħha hekk kif spjegat fl-artikli sussegwenti ta’ dan il-Kapitlu.

2. L-Eżekuttiv Nazzjonali fuq proposta tal-Amministrazzjoni għandu jaħtar il-membri wara li ssir diskussjoni dwar l-ismijiet proposti, u jittieħed vot sigriet mill-membri preżenti għal kull membru propost.

   Kull membru jrid ikollu approvazzjoni ta’ mhux inqas minn żewġ terzi ta’ dawk preżenti u eliġibbli biex jivvotaw.

   F’kull każ fejn din il-maġġoranza ma tintlaħaqx, l-Amministrazzjoni għandha tipproponi persuna jew persuni oħra. Jekk jagħti l-każ li l-Eżekuttiv Nazzjonali ma japprovax il-membri proposti u prospettivi għal tliet darbiet, l-isem li mbagħad tipproponi l-Amministrazzjoni jeħtieġ li jkollu l-approvazzjoni ta’ 50% + 1 tal-voti mixħuta mill-Eżekuttiv Nazzjonali.

3. Din il-Kummissjoni għandha tkun komposta minn Chairperson, żewġ membri permanenti u żewġ membri sostituti.
   a. Għandu jinħatar Segretarju li jassisti lil din il-Kummissjoni fit-teħid ta’ ’ minuti waqt proċeduri dixxiplinarji. Is-Segretarju huwa prekluż milli jgħaddi l-opinjonijiet jew il-ħsibijiet tiegħu lill-Kummissjoni u m’għandu jkollu l-ebda jedd fuq it-teħid ta’ deċiżjonijiet dixxiplinarji. L-irwol tiegħu, f’dan il-kuntest, huwa sempliċiment amministrattiv.
   b. Il-membri sostituti għandhom jinħatru f’kull każ fejn il-membri permanenti ma jistgħux jattendu għall-proċeduri dixxiplinarji u f’każ ta’ kunflitt ta’ interess bejn il-membri permanenti u dawk akkużati bi ksur tal-Kodiċi.
   c. Iċ-Chairperson tal-Kummissjonijista’ jiġi mistieden għal-laqgħat ta’ Eżekuttiv Nazzjonali skont il-ħtieġa.

# KAP XVI

***ikompli***

4. It-terminu tal-Kummissjoni huwa ta' leġiżlatura bejn Elezzjoni Ġenerali u oħra. Dan it-terminu jista' jiġi mġedded iżda dejjem skont il-proċedura elenkata f'Artiklu 2 ta' dan il-Kapitlu. L- ebda membru tal-Kummissjoni ma' jista'jservi fi ħdan il-Kummissjoni għal aktar minn żewġ termini.

5. Il-Kummissjoni għandha d-dmir u d-dover li tinvestiga l-imġiba ta' kwalunkwe Membru, Uffiċjal, Kandidat, Kunsillier, Membri Parlamentari jew Membri Parlametari Ewropej f'dawn iċ-ċirkostanzi:
   a. Meta tirċievi bil-miktub dwar imġiba mhux xierqa jew li tmur kontra l-Kodiċi ta' Etika tal-Partit Laburista jew kontra l-prinċipji li jsawru lill-istess Partit.
   b. Meta tirċievi direzzjoni jew struzzjoni mill-Amministrazzjoni tal-Partit Laburista sabiex tinvestiga imġiba mhux xierqa ta' xi membru jew membri tal-Partit.
   c. Fuq inizzjattiva tagħha stess meta tosserva nuqqasijiet minn xi membru jew uffiċjal tal-Partit Laburista fi kwalunkwe ċirkostanza li l-Kummissjoni tħoss u temmen li tali mġiba hija ta' dannu jew tmur kontra l-interessi tal-Partit Laburista.

6. F'kull każ, il-Kummissjoni ħarsien t'Etika u Dixxiplina għandha, fi żmien ħmistax-il jum minn meta tali mġiba tiġi għall-konjizzjoni tagħha, tinnotifika lill-membru/i li qed issir investigazzjoni fuq l-imġiba tiegħu u fi żmien xahar għandha tressaq qudiemha lill-istess membru/i sabiex jinstemgħu l-verżjonijiet kollha f'forum wieħed fejn il-prinċipji ta' smigħ xieraq u ta' ġuustizzja naturali għandhom jiġu segwiti, inkluż il-jeddta' rappreżentanza.

   L-uffiċjali u l-membri kollha tal-Partit Laburista jistgħu jiġu msejħa quddiem il-Kummissjoni u għandhom l-obbligu li jersqu 'l quddiem meta msejħa sabiex jagħtu l-kontribut tagħhom fil-ħidma tal-Kummissjoni.

7. Il-Kummissjoni għandha tasal għall-konklużjonijiet tagħha sa mhux aktar minn 10 jiem minn meta jiġi konkluż is-smigħ tal-proċeduri dixxiplinarji. Il-konklużjonijiet għandhom jiġu miġbura f'rapport bil-miktub u ffirmat mill-membri kollha tal-Kummissjoni li ħadu sehem fil-proċeduri dixxiplinarji u għandhom jinkludu rakkomandazzjonijiet għall-Eżekuttiv Nazzjonali tal-Partit.

8. Il-konklużjonijiet tal-Kummissjoni għandhom isiru f'forma ta' rakkomandazzjoni lill-Eżekuttiv Nazzjonali tal-Partit Laburista. Din ir-rakkomandazzjoni ffirmata għandha tintbagħat lill-Amministrazzjoni li mbagħad tressaqha quddiem l-Eżekuttiv Nazzjonali fejn tinqara u jittieħed vot sabiex ir-rakkomandazzjoni tiġi diskussa u kkonfermata u nfurzata skont il-każ.

   Ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni għandha titqies bħala finali u m'hemmx lok għall-appell.

   Ir-rakkomandazzjoni titqies ikkonfermata jekk tikseb 50% +1 tal-voti ta' dawk preżenti waqt l- Eżekuttiv Nazzjonali.

9. Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni għandhom jiġu miġbura ta' kull sena u annessi mar- rapport ta' ħidma annwali li ta' kull sena jrid jiġi ppreżentat lill-Amministrazzjoni tal-Partit Laburista.

10. Fir-rakkomandazzjonijiet tagħha l-Kummissjoni tista' 'tindika dawk is-sanzjonijiet li l- Kummissjoni jidhrilha li huma xierqa li jiġu imposti fil-konfront ta' kull min jinstab responsabbli ta' ksur tal-Kodiċi tal-Etika.

    F' din ir-rakkomandazzjoni il-Kummissjoni tal-Etika u d-Dixxiplina għandha tqis is-sanzjonijiet skont il-ħtieġa, il-kuntest u bi proporzjonalità. Is-sanzjoni għandha tirrifletti l-gravità tal-ksur tar- regolamenti.

11. Iċ-Chairperson tal-Kummissjoni jista' jiġi mistieden għal-laqgħat tal-Eżekuttiv f'każ ta' ħtieġa.

# KAP XVII

## IL-KUMMISSJONI KANDIDATI

Għandha tinħatar Kummissjoni responsabbli mill-ipproċessar tal-applikazzjonijiet tal-Kandidati fl-appuntamenti elettorali kollha f'isem il-Partit Laburista għal kull legislatura b'dan il-mod:

1. Mhux aktar tard mit-tieni laqgħa tal-Eżekuttiv Nazzjonali wara kull elezzjoni ġenerali, l-Eżekuttiv Nazzjonali fuq proposta tal-Amministrazzjoni għandha taħtar din il-Kummissjoni sabiex taqdi l-funzjonijiet tagħha hekk kif spjegat fl-artikli sussegwenti ta' dan il-Kapitlu.

2. Il-Kummissjoni għandha tkun komposta minn Chairperson u erba' (4) membri kif elenkat hawn taħt:

   i) Chairperson kif spjegat f'Artiklu 3
   ii) Rappreżentant Kummissjoni Ħarsien ta' ' Etika u Dixxiplina
   iii) Rappreżentant tal-Amministrazzjoni
   iv) Rappreżentant tal-Eżekuttiv Nazzjonali
   v) Rappreżentant tal-Kummissjoni Elettorali tal-Partit Laburista

2.1. Fl-ewwel laqgħa tagħha l-Kummissjoni għandha taħtar minn ħdanha persuna li sservi bħala Segretarju tal-istess Kummissjoni.

2.2. Il-Kummissjoni titlaqqa' skont il-ħtieġa u n-neċessità, b'mod li tipproċessa kull applikazzjoni ta' Kandidatura li titressaq quddiemha f'mhux aktar minn tliet xhur.

3. L-Eżekuttiv Nazzjonali fuq proposta tal-Amministrazzjoni tal-Partit għandu jaħtar iċ-Chairperson tal-Kummissjoni wara li ssir diskussjoni dwar l-isem propost u jittieħed vot sigriet mill-membri preżenti li jrid ikollu approvazzjoni ta' mhux inqas minn żewġ terzi ta' dawk preżenti u eliġibbli għall-vot. F'każ fejn din l-approvazzjoni ma tintlaħaqx, l-Amministrazzjoni trid tipproponi persuni jew persuni oħra. F'każ li l-approvazzjoni tibqa' ma tintlaħaqx għal tliet darbiet konsekuttivi, l-isem propost mill-Amministrazzjoni, jeħtieġ li jkollu approvazzjoni ta' 50% + 1 tal-voti mixħuta mill-Eżekutiv Nazzjonali.

3.1. It-terminu tal-Kummissjoni huwa ta' leġislatura bejn elezzjoni ġenerali u oħra. It-terminu taċ-Chairperson jista' jiġi mġedded iżda dejjem bil-proċedura elenkata f'Artiklu 3 ta' dan il-kapitlu. Membru ma jistax iservi fuq il-Kummissjoni għal aktar minn żewġ termini.

# KAP XVII

*ikompli*

4. Il-Kummissjoni Kandidati hija responsabbli mill-ipproċessar ta' kull applikazzjoni ta' kandidatura f'kull appuntament elettorali jiġifieri: Kunsilli Lokali, Elezzjonijiet Ġenerali u Elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew.

4.1. Il-Kummissjoni hija responsabbli sabiex taġġorna kif ħtoss il-ħtieġa l-formularju u d-dokumentazzjoni mitluba lill-kandidati prospettivi, filwaqt li għandha l-obbligu tassigura li tistaqsi d-domandi pertinenti u rilevanti li jassiguraw li jsir eżerċizzju xieraq ta' due diligence fuq kull kandidat. Kull kandidat irid jiġi msejjaħ għall-interview u l-kummissjoni tikkompila rapport bir-rakkomandazzjoni tagħha lill-Amministrazzjoni tal-Partit, li mbagħad tressaq ir-rakkomandazzjoni tagħha quddiem l-Eżekuttiv Nazzjonali għall-approvazzjoni finali. L-Amministrazzjoni għandha tiddiskuti u tressaq ir-rakkomandazzjonijiet tagħha quddiem l-Eżekuttiv Nazzjonali fi żmien ta' mhux aktar minn xahrejn mindu tirċievi r-rapport tal-Kummissjoni.

4.2. Ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni għandha titqies bħala finali.

4.3. Qabel kull appuntament elettorali, anke l-Kandidati li jkunu sfaw eletti fl-appuntament elettorali preċedent rispettiv, iridu jissottomettu n-nomina tagħhom mill-ġdid.

4.4. Kull sena l-Kummissjoni Elettorali għandha tkun responsabbli mir-rijaffirnazzjoni tal-Kandidiati tal-Elezzjoni Ġenerali.

5. Il-Kworum għal-Laqgħat tal-Kummissjoni huwa ta' tliet (3) membri li wieħed minnhom irid ikun iċ-Chairperson.

6. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport ta' ħidma annwali lill-Amministrazzjoni tal-Partit.

7. Iċ-Chairperson tal-Kummissjoni jattendi għall-Eżekuttiv Nazzjonali kull meta jkun hemm approvazzjoni ta' Kandidati għal dik il-parti tal-laqgħa, iżda ma jkollux dritt tal-vot.

# KAP XVII

*ikompli*

8. IL-KANDIDATI GĦALL-ELEZZJONI ĠENERALI

8.1 Membru li jrid jikkontesta l-Elezzjoni Ġenerali għandu jimla applikazzjoni fuq formola preskritta mill-Kummissjoni Kandidati. Din l-applikazzjoni jkun fiha fost oħrajn tagħrif ġenerali dwar l-applikant.

L-applikazzjoni għandha tkun iffirmata minn tliet (3) Delegati tal-Konferenza Ġenerali.

8.2 Kull applikazzjoni għandha tiġi nnotifikata mis-Segretarju tal-Eżekuttiv Nazzjonali lill-Kummissjoni Kandidati u l-Amministrazzjoni tal-Partit.

8.3 Wara li ssir l-evalwazzjoni u r-rapport mill-Kummissjoni Kandidati, dan jgħaddi għand l-Amministrazzjoni li min-naħa tagħha tressaq ir-rakkomandazzjoni għall-approvazzjoni tal-Eżekuttiv Nazzjonali. L-Amministrazzjoni għandha tiddiskuti u tressaq ir-rakkomandazzjonijiet tagħha quddiem l-Eżekuttiv Nazzjonali fi żmien ta' mhux aktar minn xahrejn mindu tirċievi rrapport tal-Kummissjoni.

8.4 Ma jistgħux jitressqu applikazzjonijiet għall-Elezzjonijiet Ġenerali ta' membri li sa sentejn qabel dawn l-elezzjonijiet, okkupa jew qed jokkupa l-kariga, ta` President, Viċi President, Segretarju tal-Eżekuttiv Nazzjonali, Segretarju Internazzjonali, Segretarju Organizzattiv, Chairperson ta' iDEAT, Amministratur Finanzjarju u Kap tal-Uffiċċju Elettorali. B'sentejn qabel għandu jinftiehem li dan il-perjodu jkun ikkalkulat fuq id-data tal-Elezzjoni Ġenerali preċedenti.

8.5 L-approvazzjoni ssir mill-Eżekuttiv Nazzjonali b'vot sigriet. Wara li l-applikant jiġi approvat jitqies bħala Kandidat Uffiċjali tal-Partit.

8.6 Id-deċiżjoni tal-Eżekuttiv tkun finali.

8.7 Hekk kif l-applikant jiġi approvat, is-Segretarju tal-Eżekuttiv Nazzjonali għandu jinforma b'mod uffiċjali l-istrutturi konċernati tal-Partit u lill-kandidat approvat.

# KAP XVII

*ikompli*

9 KANDIDATI ELEZZJONIJIET TAL-PARLAMENT EWROPEW

9.1 Kull membru tal-Partit li jrid jikkontesta bħala kandidat għall-elezzjoni tal-Parlamentari Ewropew f'isem il-Partit, għandu jippreżenta personalment jew permezz ta' mandatarju tiegħu, l-applikazzjoni preskritta mill-Partit għand is-Segretarju tal-Eżekuttiv Nazzjonali. Din l-applikazzjoni għandha tiġi ppreżentata mhux aktar tard mill-aħħar ta' Diċembru ta' qabel l-appuntament elettorali tal-Parlament Ewropew. Kull applikazzjoni jrid ikun fiha tliet referenzi minn Delegati tal-Partit.

9.2 Ma jistgħux jitressqu applikazzjonijiet għall-elezzjoni għall-Parlament Ewropew ta' membri li sa sentejn qabel dawn l-elezzjonijiet, okkupaw jew qed jokkupaw l-kariga ta' President, Viċi President, Segretarju tal-Eżekuttiv Nazzjonali, Segretarju Internazzjonali, Segretarju Organizzattiv, Chairperson ta' iDEAT, Amministratur Finanzjarju u Kap tal-Uffiċċju Elettorali. B'sentejn qabel għandu jinftiehem li dan il-perjodu jkun ikkalkulat fuq id-data tal-Elezzjoni Ġenerali preċedenti.

9.3 Kull applikazzjoni għandha tiġi nnotifikata mis-Segretarju tal-Eżekuttiv Nazzjonali lill-Kummissjoni Kandidati u l-Amministrazzjoni tal-Partit.

9.4 L-Eżekuttiv Nazzjonali għandu minn żmien għal żmien jiddetermina n-numru ta' kandidati li jikkontestaw dawn l-elezzjonijiet f'isem il-Partit Laburista. L-Eżekuttiv għandu jara li jkun hemm rappreżentanza xierqa ta' 'kandidati nisa, żgħażagħ u minn Għawdex. Għandu jkun hemm mhux inqas minn għaxar (10) kandidati li jikkontestaw dawn l-elezzjonijiet f'isem il-Partit Laburista.

9.5 Minkejja dak ipprovdut fl-Artikolu 1 ta' dan il-Kap, fil-każ li applikant jiddikjara li huwa għandu r-residenza ordinarja f'Għawdex, it-tliet (3) Delegati li jagħmlu r-referenza tagħhom mal-applikazzjoni jridu jkunu Delegati minn kumitati f'Għawdex.

9.6 L-approvazzjoni tal-kandidati ssir mill-Eżekuttiv Nazzjonali permezz ta' vot sigriet.

9.7 Wara li ssir l-evalwazzjoni u r-rapport mill-Kummissjoni Kandidati, dan jgħaddi ghand l-Amministrazzjoni li min-naħa tagħha tressaq ir-rakkomandazzjoni għall-approvazzjoni tal-Eżekuttiv Nazzjonali. L-Amministrazzjoni għandha tiddiskuti u tressaq ir-rakkomandazzjonijiet tagħha quddiem l-Eżekuttiv Nazzjonali fi żmien ta' mhux aktar minn xahrejn mindu tirċievi rrapport tal-Kummissjoni.

# KAP XVII

*ikompli*

9.8 Id-deċiżjoni tal-Eżekuttiv tkun finali.

9.9 Hekk kif l-applikant jiġi approvat, is-Segretarju tal-Eżekuttiv Nazzjonali għandu jinforma b'mod uffiċjali l-istrutturi konċernati tal-Partit u lill-kandidat approvat.

10. KANDIDATI KUNSILLI LOKALI

1. Membru li jrid jikkontesta l-elezzjoni tal- Kunsill Lokali għandu jimla applikazzjoni fuq formola preskritta mill-Partit. Din l-applikazzjoni jkun fiha fost oħrajn tagħrif ġenerali dwar l-applikant kif jiġi determinat minn żmien għal żmien. L-applikazzjoni għandha tkun iffirmata minn tliet (3) Delegati tal-Konferenza Ġenerali. Il-formola għandu jkollha r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat Lokali konċernat, tal-Kumitat tal-Amministrazzjoni Distrettwali jew tal-Kumitat Reġjonali skont ma jkun il-każ.

2. Kull applikazzjoni għandha tiġi nnotifikata mis-Segretarju tal-Eżekuttiv Nazzjonali lill-Kummissjoni Kandidati u l-Amministrazzjoni tal-Partit.

3. Wara l-approvazzjoni tal-Amministrazzjoni, l-applikazzjoni għandha titressaq għall-approvazzjoni tal-Eżekuttiv Nazzjonali.

4. Wara li ssir l-evalwazzjoni u r-rapport mill-Kummissjoni Kandidati, dan jgħaddi għand l-Amministrazzjoni li min-naħa tagħha tressaq ir-rakkomandazzjoni għall-approvazzjoni tal-Eżekuttiv Nazzjonali. L-Amministrazzjoni għandha tiddiskuti u tressaq ir-rakkomandazzjonijiet tagħha quddiem l-Eżekuttiv Nazzjonali fi żmien ta' mhux aktar minn xahrejn mindu tirċievi rrapport tal-Kummissjoni.

5. L-approvazzjoni ssir mill-Eżekuttiv Nazzjonali b'vot sigriet. Wara li l-applikant jiġi approvat, jibda jitqies bħala Kandidat għall-elezzjoni Kunsill Lokali f'isem il-Partit.

6. Id-deċizjoni tal-Eżekuttiv tkun finali.

7. Hekk kif l-applikant jiġi approvat, is-Segretarju tal-Eżekuttiv Nazzjonali għandu jinforma b'mod uffiċjali l-istrutturi kkonċernati tal-Partit u lill-kandidat approvat.

# KAP XVIII

## L-GĦAQDIET AFFILJATI

1. Għaqdiet oħra li jkunu jħaddnu l-prinċipji tal-Partit Laburista u li jkollhom il-membri tagħhom li jkunu membri tal-Partit Laburista, fuq talba lill-Eżekuttiv Nazzjonali tal-Partit, jistgħu jitqiesu bħala Għaqdiet Affiljati tal-Partit.

2. Għaqdiet Affiljati tal-Partit għandhom id-dritt ta' tliet (3) Delegati minn fost il-membri tagħhom biex jirrappreżentaw lill-għaqda tagħhom fil-Konferenza Ġenerali tal-Partit.

3. L-Eżekuttiv Nazzjonali għandu jfassal regolamenti għat-twettiq ta' dan il-kapitlu.

4. L-Assoċazzjoni ta' ex-membri Parlamentari Laburisti u l-Assoċjazzjoni ta' ex-Kunsillieri Laburisti huma meqjusa bhala għaqdiet affiljati tal-Partit Laburista.

# KAP XIX

## IR-RAPPREŻENTANTI TAL-PARTIT BARRA MINN MALTA

1. L-Eżekuttiv Nazzjonali jista' jawtorizza t-twaqqif ta' kumitati rappreżentattivi tal-Partit barra minn Malta. Il-kumitat rappeżentattiv għandu l-jedd, li jaħtar minn fost il-membri tal-kumitat, Delegat għall-Konferenza Ġenerali.

# KAP XX

## REGOLAMENTI GĦAL WAQT IL-VOTAZZJONI

1. Ħatra tal-Mexxej

1.1 Il-ħatra tal-Mexxej għandha ssir kif ġej:

1.1.1 Il-Kummissjoni Elettorali tilqa' n-nominazzjonijiet minn fost il-membri kollha tal-Partit. Id-dati tal-ftuħ u tal-għeluq tan-nomini jiġu deċiżi mill-Eżekuttiv Nazzjonali bħala parti mir-regolamenti tal-istess elezzjoni. In-Nomini għandhom idumu miftuħin tal-inqas tlett (3) ijiem konsekuttivi.

1.1.2 Il-proponent u s-sekondant iridu jkunu Delegati tal-Konferenza Ġenerali.

1.1.3 Kull nomina trid tkun iffirmata mill-Proponent u s-Sekondant u mill-membru propost u dawn għandhom ikunu regolari fil-ħlas tas-sħubija.

1.1.4 Wara l-għeluq tan-nomini, jekk in-numru jkun ta' aktar minn tnejn (2), għandha tissejjaħ Konferenza Ġenerali biex tagħżel tnejn (2) mill-kontestanti.

1.1.5 Iż-żewġ kontestanti li jġibu l-aktar voti fil-votazzjoni fil-Konferenza Ġenerali, jkunu ż-żewġ kontestanti li jitressqu għall-elezzjoni fil-Kungress tal-Partit.

1.1.6 Il-Kungress tal-Partit għandu jitlaqqa' mhux aktar tard minn ħmistax-il ġurnata wara d-data tal-għażla taż-żewġ kontestanti mill-Konferenza Ġenerali.

1.1.7 Fil-Kungress tal-Partit jipparteċipaw dawk kollha eleġibbli skont dan l-Istatut.

1.1.8 Jiġi ddikjarat Mexxej tal-Partit dak il-kontestant li l-aktar li jġib voti validi mixħuta fil-Kungress tal-Partit.

1.1.9 Fil-każ illi jkun hemm nominazzjoni waħda biss, din titressaq għal konferma quddiem il-Konferenza Ġenerali u ssir b'vot sigriet.

1.1.10 Din il-konferma jeħtieġ li jkollha l-appoġġ ta' 50% + 1 tal-voti validi mixħuta.

# KAP XX

*ikompli*

2. Ħatra tad-Deputati Mexxejja

*i. Id-Deputat Mexxej Affarijiet tal-Parlament*

1. Il-Kummissjoni Elettorali għandha tilqa' n-nomini għad-Deputat Mexxej tal-Affarijiet tal-Parlament minn fost il-Membri Parlamentari. Id-dati tal-ftuħ u l-għeluq tan-nomini jiġu deċiżi mill-Eżekuttiv Nazzjonali bħala parti mir-regolamenti tal-istess elezzjoni. In-nomini għandhom idumu miftuħin tal-inqas tlett (3) ijiem konsekuttivi.

2. In-nomina għandha jkollha proponent u sekondant li jridu jkunu Delegati tal-Konferenza Ġenerali.

3. Kull nomina trid tkun iffirmata mill-Proponent u s-Sekondant u mill-membru propost u dawn għandhom ikunu regolari fil-ħlas tas-sħubija.

4. L-elezzjoni tad-Deputat Mexxej għall-Affarijiet tal-Parlament issir mill-Konferenza Ġenerali.

5. Il-kontestant li jakkwista l-maġġoranza assoluta ta' 50% + 1 tal-voti validi mixħuta jiġi ddikjarat Deputat Mexxej għall-Affarijiet tal-Parlament. Jekk dan ma jseħħx fl-ewwel votazzjoni, issir votazzjoni oħra fejn jieħdu sehem biss iż-żewġ kontestanti li jkunu ġabu l-akbar numru ta' voti fl-ewwel votazzjoni.

6. Fil-każ illi jkun hemm nominazzjoni waħda biss, din titressaq għal konferma quddiem il-Konferenza Ġenerali u ssir b'vot sigriet.

7. Din il-konferma jeħtieġ li jkollha l-appoġġ ta' 50% + 1 tal-voti validi mixħuta.

# KAP XX
*ikompli*

*ii. Id-Deputat Mexxej għall-Affarijiet tal-Partit*

1. Il-Kummissjoni Elettorali tilqa' n-nomini għad-Deputat Mexxej għall-Affarijiet tal-Partit mill-membri tal-Partit. Id-dati tal-ftuħ u l-għeluq tan-nomini jiġu deċiżi mill-Eżekuttiv Nazzjonali bħala parti mir-regolamenti tal-istess elezzjoni. In-nomini għandhom idumu miftuħin tal-inqas tlett (3) ijiem konsekuttivi.

2. Il-proponent u sekondant iridu jkunu Delegati tal-Konferenza Ġenerali.

3. Kull nomina trid tkun iffirmata mill-Proponent u s-Sekondant u mill-membru propost u dawn għandhom ikunu regolari fil-ħlas tas-sħubija.

4. L-elezzjoni tad-Deputat Mexxej għall-Affarijiet tal-Partit issir mill-Konferenza Ġenerali.

5. Il-kontestant li jakkwista l-maġġoranza assoluta ta' 50% + 1 tal-voti validi jiġi ddikjarat bħala Deputat Mexxej għall-Affarijiet tal-Partit. Jekk dan ma jseħħx fl-ewwel votazzjoni, issir votazzjoni oħra fejn jieħdu sehem biss iż-żewġ kontestanti li jkunu ġabu l-akbar numru ta'voti fl-ewwel votazzjoni.

6. Fil-każ illi jkun hemm nominazzjoni waħda biss, din titressaq għal konferma quddiem il-Konferenza Ġenerali u ssir b'vot sigriet.

7. Din il-konferma jeħtieġ li jkollha l-appoġġ ta' 50% + 1 tal-voti validi mixħuta.

3. L-Amministrazzjoni tal-Partit u Membri Ordinarji tal-Eżekuttiv Nazzjonali

3.1 L-elezzjoni għal ħatra tal-President, Viċi President, Segretarju Organizzattiv, Segretarju Internazzjonali u tnax-il (12)Membru Ordinarji ssir b'dan il-mod:

3.1.2 Il-Kummissjoni Elettorali għandha tilqa' n-nomini mill-membri tal-Partit kemm għall-Uffiċjali msemmija, kif ukoll għall-membri ordinarji tal-Eżekuttiv Nazzjonali.

# KAP XX
*ikompli*

3.1.3 Kull nomina tirreferi biss għall-kariga msemmija fiha. L-istess persuna tista' tiġi nominata għal aktar minn kariga waħda.

3.1.4 In-nomina għandu jkollha proponent u sekondant li jridu jkunu Delegati tal-Konferenza Ġenerali.

3.1.5 Kull nomina trid tkun iffirmata minn Proponent, Sekondant u mill-Membru Propost u dawn għandhom ikunu regolari fil-ħlas tas-sħubija.

3.1.6 Impjegati full-time tal-Partit Laburista ma jistgħux jiġu nominati.

3.1.7 Membri tal-Grupp Parlamentari, ma jistgħux jigu nominati għal President, Viċi President, Segretarju tal-Eżekuttiv Nazzjonali, Segretarju Internazzjonali, Segretarju Organizzattiv u membri ordinarji tal-Ezekuttiv.

3.1.8 In-nominazzjonijiet għall-membri uffiċjali u l-membri ordinarji tal-Eżekuttiv Nazzjonali jagħlqu mhux anqas minn ġimgħa qabel id-data tal-Konferenza Ġenerali. Id-data tal-ftuħ tan-nominazzjonijiet jiġu deċiżi mill-Eżekuttiv Nazzjonali.

3.1.9 In-nomini jiġu approvati mill-Eżekuttiv Nazzjonali wara li l-Kummissjoni Elettorali tagħmel ir- rakkomandazzjonijiet tagħha. Il-lista tal-kontestanti kollha għandha tiġi ppubblikata mill-anqas ħamest (5) ijiem qabel il-laqgħa tal-Konferenza Ġenerali.

3.1.10 Il-membri kollha jiġu maħtura skont in-numru ta' voti li jġibu. F'każ ta' numru ta' voti ndaqs, għall-aħħar postijiet tal-membri ordinarji, biex jagħlaq in-numru għall-Eżekuttiv Nazzjonali, terġa' ssir elezzjoni parzjali.

4 Kummissjoni Elettorali

Għandha tinħatar Kummissjoni Elettorali għal perjodu ta' sena b'dan il-mod:

4.1 Mhux aktar minn xahar, wara li jiġu eletti l-Uffiċjali tal-Kumitati tal-Amministrazzjoni Distrettwali u l-Uffiċjali tal-Kumitat Reġjonali għal Għawdex, għandha ssir laqgħa li fiha jipparteċipaw iċ-Chairperson u l-Kordinatur Distrettwali minn kull Kumitat tal-Amministrazzjoni Distrettwali u ċ-Chairperson u l-Kordinatur Reġjonali. Il-Kummissjoni tkun tinkludi wkoll żewġ (2) rappreżentanti minn kull fergħa tal-Partit Laburista kif definiti f'KAP XV, li wieħed (1) minnhom ma jkunux membri fl-Eżekuttiv tal-fergħa rispettiva.

4.2 Il-laqgħat tal-Kummissjoni jissejħu miċ-Chairperson tal-Kummissjoni, u żewġ kummissarji jistgħu jitolbu liċ-Chairperson sabiex issir laqgħa tal-Kummissarji. Meta ssir talba kif imsemmi f' din il-kalwsola, iċ-Chairperson għandu fi żmien ġimgħa minn meta issirlu tali talba, biex isejjaħ laqgħa tal-Kummissarji.

4.3 Billi fl-ewwel laqgħa tal-Kummissjoni, l-uffiċjali msemmija f'Artiklu 4.1, jieħdu l-kariga ta' Assistent Kummissarju Elettorali fil-Kummissjoni Elettorali tal-Partit.

4.4 L-Assistenti Kummissarji għandhom jaħtru minn fosthom għal terminu ta' sentejn, ħames (5) Kummissarji Elettorali. Fl-istess laqgħa jaħtru minn fost il-Kummissarji Elettorali, Chairperson, u Segretarju tal-Kummissjoni Elettorali li jista' jkun Assistent Kummissarju.F'każ li l-Kummissjoni tiddeciedi li xi Kummissarju Elettorali ma jkunx f'pożizzjoni li jkompli jaqdi il-funzjonijiet tiegħu matul il-perjodu ta' sentejn li għalih ikun gie maħtur, il-Kummissjoni jkollha s-setgħa li tibdel dak jew dawk il-Kummissarju/i, skont il-każ. .

4.5 Illi l-Kummissarji Elettorali jkunu responsabbli mit-tmexxija tal-Kummissjoni Elettorali, b'konformità mal-Istatut. Il-Kummissarji jistgħu jiltaqgħu bi preżenza ta' mhux inqas minn tliet (3) Kummissarji, filwaqt li l-laqgħa tal-Kummissjoni wkoll tirrikjedi l-preżenza ta' minimu ta' żewġ (2) Kummissarji. Id-deċizjonijiet f'kull laqgħa msemmija f'din il-klawsola għandom preferibbilment jittieħdu fuq bażi ta' kunsens, iżda maġġoranza sempliċi fost il-membri rispettivi tkun biżżejjed.

4.6 Il-Kummissjoni għanda tfassal regolamenti li jirregolaw l-operat tagħa, li jitresqu għad-diskussjoni u l-approvazzjoni tal-Ezekuttiv Nazzjonali. Tali regolamenti għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali mill-Istatut meta jkunu approvati.

# KAP XX

***ikompli***

4.7 Il-Kummissarji Elettorali għandhom jaħtru minn fost il-membri tal-Kummissjoni Chairperson u Segretarju tal-Kummissjoni Elettorali. Iċ-Chairperson irid ikun nominat minn fost il-Kummissarji Elettorali, filwaqt li s-Segretarju jista' jkun Assistent Kummissarju.

Iċ-Chairperson jirrappreżenta lill-Kummissjoni elettorali fl-Eżekuttiv Nazzjonali tal-Partit bi dritt għall-vot.

Is-Segretarju huwa responsabbli miż-żamma tal-minuti tal-Kummissjoni Elettorali.

Il-Kummissjoni Elettorali għandha dritt taħtar sa mhux aktar minn ħames (5) persuni li huma Delegati tal-Partit biex jassistu fil-ħidma tal-Kummissjoni u jattendu l-laqgħat tal-istess Kummissjoni, mingħajr dritt tal-vot.

4.8 Illi ebda Kummissarju Elettorali ma jista' jservi f'din il-kariga għal aktar minn sitt (6) snin konsekuttivi.

4.9 F'każ li l-Kummissarju Elettorali jservi għal tliet (3) perjodi ta' sentejn (2) konsekuttivi, in-nomina tiegħu għal din il-kariga ma tkunx tista' tiġi ppreżentata sakemm ma jgħaddux tal-inqas sentejn mill-aħħar darba li huwa serva f'din il-kariga.

4.10 Il-Kummissjoni Elettorali tkun responsabbli mill-proċess u mit-tmexxija, tal-elezzjonijiet kollha li jaqgħu taħt il-Konferenza Ġenerali, inkluż il-Kungress Nazzjonali, l-elezzjonijiet tal-fergħat, is-sezzjonijiet tal-Partit, Kumitati ta' Amministrazzjoni Distrettwali u Reġjonali u Kumitati Lokali. Għal dan l-iskop, għandha tressaq proposti għal regolamenti li jiġu approvati, mibdula jew emendati mill-Eżekuttiv Nazzjonali.

Il-Kummissjoni Elettorali għandha tagħlaq il-lista tad-Delegati li jistgħu jipparteċipaw fil-Konferenza Ġenerali sa mhux aktar tard minn ħmistax-il (15) jum qabel id-data tal-bidu tal-Konferenza Ġenerali.

Ir-riżultat tal-elezzjoni rispettiva jinqara miċ-Chairperson tal-Kummissjoni Elettorali jew rappreżentant tal-istess Kummissjoni, qabel l-għeluq tal-aġenda tal-Konferenza Ġenerali/ Kungress Nazzjonali / Laqgħa Ġenerali.

Fil-każ tal-Amministrazzjoni Distrettwali u Kumitati Lokali,il-Kummissjoni għandha l-obbligu li tara r-rendiment tal-persuni li jikkandidaw ruħhom għall-karigi rispettivi.

# KAP XX

***ikompli***

4.11 Il-Kummissjoni Elettorali għandha taqdi dawk id-dmirijiet kollha li jiddelegalha l-Eżekuttiv Nazzjonali, sakemm dawk ikunu konformi mal-Istatut tal-Partit.

4.12 Fit-twettiq tal-ħidma tagħha, il-Kummissjoni Elettorali tista' titlob l-għajnuna ta' dawk il-membri tal-Partit skont kif tħoss il-ħtieġa.

4.13 Il-votazzjonijiet għandhom ikunu mifruxa fuq tal-inqas tliet siegħat kontinwi, sakemm ma jkunx ipprovdut mod ieħor f'regolamenti oħrajn f'dan l-Istatut.

4.14 Jekk ikun hemm nomina waħda valida għall-kariga vakanti, l-elezzjoni rispettiva ma ssirx sakemm l-Istatut ma jipprovdiex speċifikament mod ieħor.

F'Każ li wara l-għeluq tan-nomini jibqa' karigi battala, sakemm mhux stipulat mod ieħor f'dan l-Istatut, il-Kummissjoni Elettorali tista' tagħmel sejħa waħda mill-ġdid għan-nomini għal dawk il-karigi li ma kienx hemm nomina għalihom biss.

4.15 Ir-regolamenti tal-elezzjoni għandhom jiġu spjegati lil kull kontestant.

4.16 Il-Kummissjoni Elettorali għandha tfassal regolamenti ulterjuri għat-tmexxija aħjar tal-elezzjonijiet għall-karigi msemmija fis-Sezzjonijiet 1, 2, u 3 ta' dan il-Kap, li jitressqu għad-diskussjoni u l-approvazzjoni tal-Eżekuttiv Nazzjonali. Tali regolamenti għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali mill-Istatut meta jkunu approvati.

4.17 Il-votazzjoni tal-elezzjonijiet kollha jsiru bil-preżentazzjoni ta' dokument uffiċjali nazzjonali ta' identifikazzjoni, jew kif ikkomunikat mill-Kummissjoni Elettorali fir-regolamenti tal-elezzjoni rispettiva.

5. Elezzjonijiet Uffiċjali - Kumitat tal-Amministrazzjoni Distrettwali u Kumitat tar-Reġjun.

5.1. L-Uffiċjali tal-Kumitat tal-Amministrazzjoni Distrettwali jew tal-Kumitat tar-Reġjun għandhom jiġu eletti minn fost il-membri tal-Partit fil-lokalitajiet li jiffurmaw dak id-distrett.

5.2. Id-Delegati eletti mil-lokalitajiet li jagħmlu parti mid-distrett jew mir-reġjun, ikunu eleġibbli li jivvotaw fl-għażla tal-Uffiċjali tal-Kumitat tal-Amministrazzjoni Distrettwali jew tal-Kumitat Reġjonali.

# KAP XX

*ikompli*

5.3. In-nomina għandha jkollha proponent u sekondant li jridu jkunu Delegati f'lokalità f'dak id-distrett.

5.4. Kull nomina trid tkun iffirmata mill-Proponent u s-Sekondant u mill-membru propost u dawn għandhom ikunu regolari fil-ħlas tas-sħubija.

5.5. In-nomina ta' membri tal-Grupp Parlamentari, Forum Kandidati u membri tal-Kumitati Lokali għal Uffiċjali tal-Kumitat tal-Amministrazzjoni Distrettwali jew Kumitat tar-Reġjun ma tistax tiġi milqugħa.

5.6. L-Eżekuttiv Nazzjonali għandu jfassal regolamenti għat-tħaddim u tmexxija aħjar tal-elezzjonijiet tal-Uffiċjali tal-Kumitat tal-Amministrazzjoni Distrettwali u l-Kumitat Reġjonali.

5.7. L-Eżekuttiv Nazzjonali għandu jfassal regolamenti għall-elezzjoni tad-Delegati reġjonali.

5.8. L-Amministrazzjoni Distrettwali għandha tipproponi lista ta' persuni biex ikunu eleġibbli għal din l-elezzjoni minn fost il-membri tal-Partit f'dak id-distrett wara sejħa minn fost l-istess membri u dan wara konsultazzjoni mal-Eżekuttiv Nazzjonali.

6. Elezzjonijiet Kumitati Lokali

6.1 L-Uffiċjali u l-membri tal-Kumitat Lokali għandhom jiġu eletti minn fost il-membri tal-Partit f'dak il-lokal.

6.2 Il-membri tal-Partit miktuba f'dak il-lokal, ikunu eleġibbli jivvotaw għall-għażla tal-Uffiċjali u tal-membri tal-Kumitat Lokali.

6.3 In-nomina għandu jkollha proponent u sekondant li jridu jkunu membri f'dak il-lokal.

6.4 Kull nomina trid tkun iffirmata mill-Proponent u s-Sekondant u mill-membru propost u dawn għandhom ikunu regolari fil-ħlas tas-sħubija.

6.5 In-nomina ta' membri tal-Grupp Parlamentari u Forum Kandidati għall-Uffiċjali u membri tal- Kumitat Lokali ma tistax tiġi milqugħa.

6.6 L-Eżekuttiv Nazzjonali għandu jfassal regolamenti għat-tħaddim u għat-tmexxija tal-elezzjonijiet tal-Uffiċjali u l-membri tal-Kumitati Lokali.

# KAP XX

***ikompli***

6.7 In-nomini għall-Uffiċjali għaż-Żgħażagħ jintlaqgħu biss, minn fost il-membri li għandhom sa ħamsa u tletin (35) sena. Huma eleġibbli biex jivvotaw għal din il-kariga, il-membri li għandhom inqas minn ħamsa u tletin (35) sena.

6.8 In-nomini għall-Uffiċjal għan-Nisa jintlaqgħu minn fost il-membri nisa fil-lokal. Huma eleġibbli biex jivvotaw għal din il-kariga l-membri nisa.

6.9 In-nomini għall-Uffiċjal għall-Anzjani jintlaqgħu minn fost il-membri ta' aktar minn sittin (60) sena. Huma eleġibbli biex jivvotaw għal din il-kariga l-membri li għandhom aktar minn sittin (60) sena.

# KAP XXI

## KODIĊI TA' ETIKA U DIXXIPLINA

1. L-Eżekuttiv Nazzjonali għandu jfassal u jippubblika Kodiċi ta' Etika u Dixxiplina li jorbot lil kull membru tal-Partit Laburista.

2. Il-Kodiċi ta' Etika u Dixxiplina għandu jservi biex dawk kollha li jagħtu servizz u ħidma fi ħdan il-Partit Laburista, jagħtuh bl-aħjar mod possibbli.

3. Dan il-Kodiċi jista' jiġi rivedut mill-Eżekuttiv Nazzjonali mhux aktar minn darba kull tnax-il xahar.

4. Il-Kodiċi għandu jistabbilixxi dawk il-prinċipji ta' etika kollha meħtieġa għall-applikazzjoni tiegħu fost il-membri tal-Partit u l-istrutturi kollha tiegħu.

5. Il-Kodiċi għandu jispeċifika t-termini fil-proċeduri kollha.

6. Fil-proċeduri kollha tad- dixxiplina għandhom jiġu osservati u applikati l-prinċipji ta' ġustizzja naturali.

# KAP XXII

## FORA

iDEAT

L-Eżekuttiv Nazzjonali għandu jfassal Statut għat-twaqqif ta' iDEAT għall-iskop ta' studju, analiżi u żvilupp ta' politika. iDEAT għandha tfassal u torganizza programmi politiċi, dibattiti u diskussjonijiet ta' natura edukattiva u kulturali b'kordinazzjoni ma' fergħat oħrajn fi ħdan il-Partit Laburista. Fit-tfassil u l-iżvillup ta' studji, analiżi u politika iDeat għandha żżomm kuntatt kontinwu mas-soċjetà ċivili, stakeholders u persuni oħra li jħaddnu valuri, prinċipji u ħsibijiet simili għal dawk mħaddna mill-Partit. L–Eżekuttiv Nazzjonali minn żmien għal żmien jista' jiddelega jew ifassal ħidmiet oħra għal iDEAT.

# KAP XXIII

## ĠENERALI

1. L-Eżekuttiv Nazzjonali għandu jiddeċiedi fuq kull ħaġa oħra li mhux provdut għaliha f'dan l-Istatut b'dan illi din id-deċiżjoni, jekk meħtieġ, tkun ikkonfermata fil-Konferenza Ġenerali.

2. L-interpretazzjoni ta' dan l-Istatut, fejn dan mhux ċar, jagħtiha l-President fl-Eżekuttiv Nazzjonali, u ċ-Chairperson fil-Konferenza Ġenerali, skont liema laqgħa tkun.

3. Is-sena Amministrattiva/Finanzjajra tal-Partit tibda fl-1 ta' Jannar.

4. Ir-rappreżentanza Ġuridika tal-Partit tkun vestita fi tnejn minn dawn: Mexxej, President tal-Partit, Segretarju tal-Eżekuttiv Nazzjonali u l-Amministratur Finanzjarju.

   L-Amministrazzjoni tal-Partit tista' taħtar wieħed jew aktar, mill-Uffiċjali l-oħra tal-Partit, jew mill-membri tal-Eżekuttiv Nazzjonali, biex jidhru bħala rappreżentanza tal-Partit fi proċeduri ġudizzjarji, fuq xi kuntratt, kitba, skrittura jew affarijiet oħra.

5. Għall-aħjar twettiq tal-għanijiet tiegħu, il-Partit jista', fuq deċiżjoni tal-Eżekuttiv Nazzjonali, jidħol għal kwalunkwe xorta ta' kuntratt u / jew obbligu, konformi mal-Liġijiet tal-Pajjiż.

6. Sakemm ma jkunx imfisser mod ieħor, kull kelma fil-maskil f'dan l-Istatut għandha titqies li tirreferi għal femminil ukoll.

7. Kull talba ta' riżenja ta' Membru, Delegat, Uffiċjal f' Kumitat Lokali, Uffiċjal f' Kumitat tal-Amministrazzjoni Distrettwali, Uffiċjal f' Fergħa, Uffiċjal f' Sezzjoni jew Uffiċjali oħra, għandha tkun ikkomunikata bil-miktub lill-President tal-Partit u lill-Kummissjoni Elettorali. Fi żmien ħmistax-il ġurnata tax-xogħol (15) minn meta tiġi riċevuta t-talba tar-riżenja, il-President tal-Partit jista' jsejjaħ laqgħa ma' min għamel it-talba sabiex tiġi diskussa r-riżenja. Waqt dan il-perjodu, ir-riżenja tkun għadha sospiża. Wara dan il-perjodu, il-Kummissjoni Elettorali, wara li tinforma lill-Uffiċjal għall-Kordinament tal-Kumitati skond il-każ, u wara li tikkonsulta mall-Amministrazzjoni tal-Partit, tmexxi sabiex tikkonferma r-riżenja u tipproċedi bill-proċessi statutorji relevanti sabiex jiġi maħtur uffiċjal ieħor.

8. Il-Partit Laburista huwa persuna ġuridika waħda u l-Kumitati Lokali, Distrettwali, tar-Reġjun, is-Sezzjonijet, il-Fergħat u l-Fora huma parti integrali minn din il-persuna ġuridika u għandha topera skont dan l-Istatut, inkluż għal fini tar-rendikont finanzjarju tal-Partit, u għandha topera skont dan l-Istatut.

# KAP XXIII

*ikompli*

9. It-tifsira tat-termini regolari fil-ħlas tas-sħubija jfisser li l-membru rispettiv ikollu s-sħubija mħallsa sal-31 ta'Diċembru tas-sena finanzjarja preċedenti.

10. Ix-xoljiment tal-Partit Laburista jista' jsir biss jekk il-proċedura segwenti tkun esegwita fl-interità ta' dan l-artiklu kif spjegat:

    i. Titressaq mozzjoni li trid tkun proposta u ssekondata minn membri regolari fil-ħlas tas-sħubija tal-Partit, li tipproponi x-xoljiment tal-Partit quddiem l-Eżekuttiv Nazzjonali li jekk tiġi approvata, titressaq quddiem il-Konferenza Ġenerali bħala l-ogħla organu fi ħdan il-Partit. B'dan ukoll li l-mozzjoni trid tipproponi wkoll il-mod kif għandu jsir id-disponiment mill-assi tal-Partit f'każ ta' xoljiment.

    ii. Il-mozzjoni biex tgħaddi tkun teħtieġ approvazzjoni ta' aktar minn 85% tad-Delegati kollha tal-Konferenza.

    iii. Jekk il-mozzjoni tiġi approvata mill-Konferenza Ġenerali, jissejjaħ Kungress li fih l-istess mozzjoni titressaq għall-approvazzjoni tal-membri kollha tal-Partit, u tkun teħtieġ mill-inqas 85% tal-voti tal-membri kollha tal-Partit Laburista mħallsin regolari sad-data meta l-Konferenza Ġenerali tkun approvat il-mozzjoni, skont Artiklu I(V) ta' KAPVIII tal-Istatut.

    iv. Id-dispożizzjoni tal-assi ssir skont kif il-mozzjoni tiġi finalment approvata.

# IL-KODIĊI TA' ETIKA

## PARTIT LABURISTA

L-għan ta' dan il-Kodiċi huwa li joħloq ambjent inklussiv u kostruttiv fi ħdan il-Partit Laburista. Il- benesseri u s-sigurtà tal-membri huwa ta' importanza kbira għall-Partit Laburista u dan il-kodiċi ser jassigura spazju ta' tolleranza, rispett u solidarjetà.

I. IL-MEMBRI TAL-PARTIT LABURISTA

A. Kull membru tal-Partit Laburista għandu jkun kommess mal-prinċipji u għanijiet tal-istess Partit kif stipulat f'Kapitlu II tal-Istatut tal-Partit Laburista.

B. Kull membru tal-Partit Laburista għandu josserva l-provvedimenti tal-istatut tal-Partit Laburista u r-regolamenti nazzjonali u internazzjonali, kif ukoll ta' assoċjazzjonijiet lokali jew internazzjonali li tagħhom huwa msieħeb il-Partit, jekk ikunu applikabbli għall-kariga tiegħu.

C. Persuna msieħba fil-Partit Laburista ma tistax tkun f'xi Partit, għaqda jew organizzazzjoni politika, kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta, li tħaddan prinċipji differenti minn dawk tal-Partit Laburista.

D. L-ebda membru tal-Partit Laburista m'għandu jipparteċipa f'attivitajiet jew imġiba li ttappan jew kapaċi ttappan ir-reputazzjoni tal-Partit Laburista.

E. Kull membru fi ħdan il-Partit Laburista għandu jiġi trattat b'rispett u juri rispett lejn membri, uffiċjali, ħaddiema, l-Amministrazzjoni, kif ukoll lil terzi. Għandu jipparteċipa fl-attivitajiet tal-Partit b'mod inklussiv u għandu jirrispetta l-ħsibijiet u l-opinjonijiet ta' membri oħra. Kull membru għandu jaġixxi, inkluż online, b'imġiba rispettabbli u xierqa f'kull ċirkostanza u jikkritika b'mod kostruttiv, filwaqt li jżomm f'moħħu l-prinċipji Laburisti.

F. L-ebda membru, fl-ebda ċirkostanza - inkluż online - m'għandu jiddiskrimina, jibbulja, jagħti fastidju jew jikkawża biża' li kapaċi tinduċi vjolenza, lill-ebda persuna oħra għall-ebda raġuni.

G. Kull uffiċjal elett fl-Amministrazzjoni, fil-fergħat jew fl-istrutturi tal-Partit Laburista jew fi ħdan istituzzjonijiet lokali u nazzjonali, għandu, skont dan il-Kodiċi Etika, responsabbilità akbar sabiex iħares u jinforza dan il-Kodiċi bħala rappreżentant pubbliku tal-Partit Laburista u li jagixxi b'tali mod li jagħmel ġieġ lill-Partit u m'għandux jimmina l-possibilitajiet tal-Partit Laburista sabiex itella' kampanja b'suċċess.

H. Kull membru u uffiċjal għandu jkun responsabbli għall-azzjonijiet tiegħu u għandu jinżamm kontabbli jekk dawn l-azzjonijiet ikunu bi ksur ta' dan il-Kodiċi ta' Etika.

Il-Partit Laburista, flimkien mar-rappreżentanti tiegħu, għandhom ikunu miftuħin għad-diskussjoni u l-kritika bħala figuri pubbliċi u għandhom jipprijoritizzaw l-interess pubbliku fuq dak personali. Għal din ir-raġuni, ir-rappreżentanti tal-Partit Laburista għandhom iġibu ruħhom b'mod professjonali f'ħidmiethom u b'mod li jagħti ġieħ lill-Partit Laburista.

II. IL-KANDIDATI

Kull Kandidat:

A. Għandu josserva l-Istatut tal-Partit Laburista u l-linja politika addottata minnu.

B. Hu marbut mal-Manifest Elettorali tal-Partit Laburista u t-twettiq tiegħu.

C. Għandu jimxi mal-istruzzjonijiet ta' ħidma u linji gwida mogħtija mill-Partit Laburista permezz tal-Konferenza Ġenerali, Mexxej, Amministrazzjoni, Eżekuttiv Nazzjonali jew minn min ikun delegat din ir-responsabiltà.

D. Għandu jattendi l-laqgħat u t-taħriġ organizzat mill-Partit Laburista.

E. Għandu jżomm kuntatt mal-elettorat u jżomm preżenza fost il-kostitwenza tiegħu billi jagħmel żjarat lill-familji, jieħu sehem f'attivitajiet, u jieħu sehem f'laqgħat organizzati mill-Partit Laburista.

F. Għandu jġib ruħu b'mod dinjituż u b'dekor fil-pubbliku, u jara li għemilu jġħin lill-Partit Laburista.

G. Għandu jkollu relazzjoni miftuħa mal-Partit Laburista, liema relazzjoni trid tkun ibbażata fuq rispett u trasparenza reċiproka.

H. Għandu jikkonsidra lill-Kandidati oħra tal-Partit Laburista bħala sħabu u għandu jkollu attitudni pożittiva fil-konfront tagħhom. L-ikkampanjar negattiv mhux aċċettabbli.

I. Għandu jġib l-approvazzjoni mingħand id-Direttur tal-Komunikazzjoni tal-Partit Laburista, jew persuni delegati minnu, qabel ma jaċċetta xi stedina għal kwalunkwe programm jew kontribuzzjoni fuq il-forom kollha ta' media. F'kull każ, għandha tintuża prudenza u ġudizzju tajjeb fid-dikjarazzjoni fuq il-mezzi tax-xandir u s-social media.

J. Għandu jġib l-approvazzjoni tad-Direttur tal-Komunikazzjoni tal-Partit, jew il-persuni delegati b'din ir-responsabiltà, għal użu ta' materjali promozzjonali fuq kull tip ta' media, kif ukoll għal oġġetti ta' merchandising personali għal skopijiet ta' kampanja.

K. Jifhem li l-Amministrazzjoni tal-Partit Laburista, jew dawk Delegati minnha, tista' tieħu d-deċiżjonijiet li jidhrilha xierqa biex kull Kandidat isegwi dan il-Kodiċi. Id-deċiżjonijiet ikunu finali u kull Kandidat jintrabat li jimxi magħhom.

L. Jifhem li għandu jimxi mal-liġijiet tal-Protezzjoni tad-DATA, il-liġi li tirregola l-finanzjament tal-Partiti, u l-liġijiet kollha in vigore tal-pajjiż.

## III. NOTI ĠENERALI

It-terminu "Kandidat" japplika għal kull persuna li tikkontesta kwalunkwe elezzjoni f'isem il-Partit Laburista, tinkludi wkoll dawk eletti f'isem il-Partit.

It-terminu "Kandidat" u "Membru" japplika kemm fil-femminil kif ukoll maskil.

It-terminu 'rapprezentant' japplika għal kull persuna li minħabba elezzjoni jew ħatra, jokkupa kariga politika pubblika, jew li jokkupa kariga fl-istruttura tal-Partit jew ikun meqjus bħala uffiċjali tal-Partit fi kwalunkwe struttura tiegħu.